



Brussell, 25 ta' Ottubru 2017
(OR. en)

13610/17

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0084 (COD)

CODEC 1667
ENT 215
MI 743
AGRILEG 194
ENV 870
CHIMIE 86
IND 271
PE 83

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 - Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, 23 sas-26 ta' Ottubru 2017)

I. INTRODUZZJONI

Ir-Relatur, is-Sur Mihai ȚURCANU (PPE, RO), ippreżenta rapport li jikkonsisti minn 324 emenda (l-emendi 1-324) għall-proposta għal Regolament, fisem il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur. Għall-plenarja, ġew ippreżentati 68 emenda oħra (l-emendi 336-404).

II. VOT

Meta vvotat fl-24 ta' Ottubru 2017, il-plenarja adottat għadd kbir ta' emendi, li t-test tagħhom huwa anness ma' din in-nota.

Fi tmiem il-votazzjoni, il-proposta ġiet riferuta lura lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, konformement mar-Regola 59(4)(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, u b'hekk ma ntemmx l-ewwel qari tal-Parlament u nfetħet il-possibbiltà għal negozjati interistituzzjonali mal-Kunsill.

P8_TA-PROV(2017)0392

Prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE *I**

Emendi adottati mill-Parlament Ewropew fl-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 (COM(2016)0157 – C8-0123/2016 – 2016/0084(COD))¹

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Emenda 1

Proposta għal regolament
Titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti *fertilizzanti* bit-tikketta CE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009

Emenda

Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti *ta' nutriment għall-pjanti* bit-tikketta CE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009

(Din l-emenda minn "prodotti fertilizzanti" għal "prodotti ta' nutriment għall-pjanti" tapplika għat-test kollu. L-adozzjoni tagħha se tirrikjedi t-tibdil korrispondenti fit-test kollu kemm hu u, konsegwentement, fl-emendi adottati.)

Emenda 2

Proposta għal regolament

¹ Il-każ ġie mgħoddi lura lill-kumitat responsabbli biex jerġa jiġi eżaminat skont l-Artikolu 59(4), ir-raba subparagrafu (A7-0270/2017).

Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) Il-kundizzjonijiet sabiex il-fertilizzanti jsiru disponibbli fis-suq intern ġew parzjalment armonizzati permezz tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, li jkopri kważi esklussivament il-fertilizzanti miksubin mill-minjieri jew minn materjali **inorganiċi** prodotti b'mezzi kimiċi. Jeżisti wkoll il-bżonn li jintużaw materjali rriċiklati jew organiċi biex jintużaw bħala fertilizzanti. Għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet armonizzati għall-fertilizzanti prodotti minn materjali rriċiklati jew organiċi biex isiru disponibbli fis-suq intern kollu sabiex ikun hemm inċentiv importanti għall-użu ulterjuri tagħhom. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni għandu, għaldaqstant, jiġi estiż sabiex jiġi inklużi materjali rriċiklati u organiċi.

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 21.11.2003. p. 1).

Emenda

(1) Il-kundizzjonijiet sabiex il-fertilizzanti jsiru disponibbli fis-suq intern ġew parzjalment armonizzati permezz tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁵, li jkopri kważi esklussivament il-fertilizzanti miksubin mill-minjieri jew minn materjali **minerali** prodotti b'mezzi kimiċi. Jeżisti wkoll il-bżonn li jintużaw materjali rriċiklati jew organiċi biex jintużaw bħala fertilizzanti. Għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet armonizzati għall-fertilizzanti prodotti minn materjali rriċiklati jew organiċi biex isiru disponibbli fis-suq intern kollu sabiex ikun hemm inċentiv importanti għall-użu ulterjuri tagħhom. ***Il-promozzjoni ta' aktar użu ta' nutrijenti rriċiklati tkun tkompli tgħin fl-iżvilupp tal-ekonomija ċirkolari u tippermetti użu ġenerali tan-nutrijenti aktar effiċjenti mil-lat tar-riżorsi, filwaqt li tnaqqas id-dipendenza tal-UE min-nutrijenti minn pajjiżi terzi.*** Il-kamp ta' applikazzjoni tal-armonizzazzjoni għandu, għaldaqstant, jiġi estiż sabiex jiġi inklużi materjali rriċiklati u organiċi.

¹⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 dwar il-fertilizzanti (ĠU L 304, 21.11.2003. p. 1).

(Din l-emenda tkopri wkoll emenda teknika orizzontali dwar it-terminu “inorganiku”, li jinbidel f’ “minerali”; l-adozzjoni tagħha se tirrikjedi t-tibdil korrispondenti ta' dan it-terminu fit-test kollu kemm hu u, konsegwentement, fl-emendi adottati.)

Emenda 3

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(2a) In-nutrijenti fl-ikel joriġinaw mill-ħamrija; ħamrija fi stat tajjeb ta' saħħa u rikk fin-nutrijenti twssal għal għelejjel u ikel tajjeb għas-saħħa u nutrijenti. Il-bdiewa jeħtieġu firxa wiesgħa ta' fertilizzanti, kemm organiċi kif ukoll sintetiċi għad-dispożizzjoni tagħhom, bl-għan li jtejbu l-ħamrija tagħhom. Ħamrija mingħajr jew bi ftit nutrijenti tikkawża nuqqas ta' nutrijenti fil-pjanti u b'hekk jieqfu jikbru jew ma jkunx fihom valur nutrizzjonali għall-konsum mill-bniedem.

Emenda 4

Proposta għal regolament
Premessa 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Biex jiġi żgurat l-użu effettiv ta' demel tal-annimali u kompost fuq l-azjenda agrikola, il-bdiewa jenħtieġ li jużaw daww il-prodotti li jsegwu l-ispirtu ta' "agrikoltura responsabbli", filwaqt li jiffavorixxu l-mezzi ta' distribuzzjoni lokali, prattika agronomika u ambjentali tajba u f'konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali tal-Unjoni, bħad-Direttiva dwar in-Nitrati jew id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma. Jenħtieġ li jkun inkoraġġit l-użu preferenzjali tal-fertilizzanti prodotti fuq il-post u f'impriżi agrikoli ġirien.

Emenda 5

Proposta għal regolament
Premessa 6a (ġdid)

(6a) Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkollu aktar minn funzjoni waħda minn dawk deskritti fil-kategoriji funzjonali tal-prodott ta' dan ir-Regolament. Meta ssir dikjarazzjoni fir-rigward ta' waħda biss minn dawk il-funzjonijiet, jenħtieġ li jkun biżżejjed li l-prodott jikkonforma mar-rekwiżiti tal-kategorija funzjonali tal-prodott li tiddeskrivi dik il-funzjoni dikjarata. Għall-kuntrarju, meta ssir dikjarazzjoni fir-rigward ta' aktar minn waħda minn dawk il-funzjonijiet, jenħtieġ li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jitqies bħala kombinazzjoni ta' żewġ prodotti fertilizzanti komponenti jew aktar, u jenħtieġ li tkun rikjesta l-konformità għal kull wieħed mill-prodotti fertilizzanti komponenti fir-rigward tal-funzjoni tiegħu. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun hemm kategorija funzjonali speċifika tal-prodott sabiex tkopri tali kombinazzjonijiet.

Emenda 6

**Proposta għal regolament
Premessa 6b (ġdid)**

(6b) Manifattur li juża prodott fertilizzanti bit-tikketta CE wieħed jew aktar li diġà kienu soġġetti għal valutazzjoni tal-konformità, imwettqa minn dak il-manifattur jew manifattur ieħor, jista' jagħżel li joqgħod fuq dik il-valutazzjoni tal-konformità. Bil-għan li jitnaqqas il-piż amministrattiv għal livell minimu, jenħtieġ li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE li jirriżulta jitqies ukoll bħala kombinazzjoni ta' żewġ prodotti fertilizzanti komponenti jew aktar, u r-rekwiżiti ta' konformità addizzjonali għall-kombinazzjoni jenħtieġ li jitnaqqsu

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Kontaminanti fil-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, bħall-kadmju, jistgħu potenzjalment jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent, billi dawn jakkumulaw fl-ambjent u jidħlu fil-katina alimentari. Il-kontenut tagħhom fi prodotti bħal dawn għandu għalhekk ikun limitat. Barra minn hekk, l-impuritajiet fil-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jirriżultaw mill-bijoskart, partikolarment il-polimeri, iżda wkoll il-metall u l-ħġieġ, jenħtieġ li jiġu evitati jew limitati sakemm dan ikun teknikament fattibbli permezz tad-ditezzjoni ta' impuritajiet bħal dawn fil-bijoskart li jinġabar b'mod separat qabel l-ipproċessar.

Emenda

(8) Kontaminanti fil-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, bħall-kadmju, ***jekk ma jintużawx b'mod korrett***, jistgħu potenzjalment jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u l-ambjent, billi dawn jakkumulaw fl-ambjent u jidħlu fil-katina alimentari. Il-kontenut tagħhom fi prodotti bħal dawn għandu għalhekk ikun limitat. Barra minn hekk, l-impuritajiet fil-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jirriżultaw mill-bijoskart, partikolarment il-polimeri, iżda wkoll il-metall u l-ħġieġ, jenħtieġ li jiġu evitati jew limitati sakemm dan ikun teknikament fattibbli permezz tad-ditezzjoni ta' impuritajiet bħal dawn fil-bijoskart li jinġabar b'mod separat qabel l-ipproċessar.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(8a) L-Istati Membri li diġà għandhom valuri ta' limitu nazzjonali aktar rigorużi għall-kadmju fil-fertilizzanti jenħtieġ li jitħallew iżommu daww il-valuri ta' limitu, sakemm il-bqija tal-Unjoni tilħaq livell ta' ambizzjoni ekwivalenti.

Emenda 9

Proposta għal regolament

Premessa 8b (ġdida)

(8b) Sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità tal-prodotti fertilizzanti tal-fosfat mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u biex tingħata spinta lill-innovazzjoni, jeħtieġ li jingħataw biżżejjed inċentivi għall-iżvilupp ta' teknoloġiji rilevanti, partikolarment dekadmjazzjoni tat-teknoloġija, u għall-ġestjoni ta' skart perikoluż li fih ħafna kadmju permezz tar-riżorsi finanzjarji disponibbli fl-ambitu ta' Orizzont 2020, il-programmi LIFE, il-Pjattaforma ta' Appoġġ tal-Finanzi tal-Ekonomija Ċirkolari, permezz tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) u strumenti finanzjarji oħra fejn ikun rilevanti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-inċentivi u l-finanzjament mill-UE previst għad-dekadmjazzjoni.

Emenda 395

Proposta għal regolament Premessa 8c (ġdida)

(8c) Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] il-Kummissjoni jenħtieġ tistabbilixxi mekkaniżmu li jiffaċilita aktar l-aċċess għal finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni fit-teknoloġiji tad-dekadmjazzjoni u l-implimentazzjoni fil-proċess ta' produzzjoni għall-fertilizzanti fostfati kollha fl-Unjoni, u wkoll f'soluzzjonijiet possibbli ta' tneħħija tal-kadmju li huma ekonomikament vijabbli fuq skala industrijali u li jippermettu t-trattament tal-iskart iġġenerat.

Emenda 10

Proposta għal regolament

Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni

(9) Il-prodotti li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament għandhom jitħallew jiċċaqilqu b'mod liberu fis-suq intern. Jekk wieħed jew aktar mill-materjali komponenti **fi** prodott **fertilizzanti bit-tikketta CE jidħol** fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, iżda **jilħaq** punt fil-katina tal-manifattura li lil hinn minnu ma jibqax jippreżenta riskju **sinifikanti** għas-saħħa tal-pubbliku jew tal-annimali (il-"punt aħħari fil-katina tal-manifattura"), dan jirrappreżenta piż amministrattiv mhux neċessarju biex il-prodott jibqa' jiġi soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Fertilizzanti bħal dawn għandhom għalhekk jiġu esklużi mir-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament. Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

¹⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ir-Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

Emenda

(9) Il-prodotti **fertilizzanti bit-tikketta CE** li jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament **jenħtieġ li** jitħallew jiċċaqilqu b'mod liberu fis-suq intern. Jekk wieħed jew aktar mill-materjali komponenti **jkun** prodott **derivat** fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸, iżda **jkun laħaq** punt fil-katina tal-manifattura li lil hinn minnu ma jibqax jippreżenta riskju għas-saħħa tal-pubbliku jew tal-annimali (il-"punt aħħari fil-katina tal-manifattura"), dan jirrappreżenta piż amministrattiv mhux neċessarju biex il-prodott jibqa' jiġi soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament. Fertilizzanti bħal dawn għandhom għalhekk jiġu esklużi mir-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament. Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

¹⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (ir-Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

Emenda 11

Proposta għal regolament

Test propost mill-Kummissjoni

(10) **Il-punt** aħħari fil-katina tal-manifattura għandu jiġi determinat għal kull materjal komponenti rilevanti li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali f'konformità mal-proċeduri stipulati **fir-Regolament(KE) Nru 1069/2009. Meta proċess ta' manifattura ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE irregolat skont** dan ir-Regolament **jibda qabel jintlaħaq** dak il-punt aħħari, ir-rekwiżiti tal-proċessi kemm tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 kif ukoll ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw b'mod kumulattiv għall-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, li jfisser l-applikazzjoni tar-rekwiżit iktar strett f'każ li ż-żewġ Regolamenti jirregolaw l-istess parametru.

Emenda

(10) **Għal kull kategorija ta' materjal komponent li tinkludi prodotti derivati skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, il-punt** aħħari fil-katina tal-manifattura **jenħtieġ** jiġi determinat għal kull materjal komponenti rilevanti li jkun fih prodotti sekondarji tal-annimali f'konformità mal-proċeduri stipulati **f'dak ir-Regolament. Biex jittieħed vantaġġ tal-iżviluppi tekniċi, jinħolqu aktar opportunitajiet għall-produtturi u għall-impriżi, u jiġi sfruttat il-potenzjal biex isir aktar użu min-nutrijenti minn prodotti sekondarji tal-annimali bħad-demel tal-annimali, l-istabbiliment ta' metodi ta' pproċessar u regoli ta' rkupru għall-prodotti sekondarji tal-annimali li għalihom ikun ġie determinat punt aħħari fil-katina tal-manifattura jenħtieġ li jibda immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Meta tikkonċerna prodotti fertilizzanti li fihom jew jikkonsistu minn demel tal-annimali pproċessati, il-kriterji għall-punti aħħarin tad-demel jenħtieġ jiġu ddefiniti. Sabiex jiġu estiżi jew miżjuda kategoriji ta' materjali komponenti biex jiġu inklużi aktar prodotti sekondarji tal-annimali, jenħtieġ li s-setgħa tal-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni. Meta dak il-punt aħħari jintlaħaq qabel ma l-prodott fertilizzant bit-tikketta CE jitqiegħed fis-suq iżda wara li jkun beda l-proċess ta' manifattura ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE irregolat skont dan ir-Regolament**, ir-rekwiżiti tal-proċessi kemm tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 kif ukoll ta' dan ir-Regolament **jenħtieġ** japplikaw b'mod kumulattiv għall-prodotti fertilizzanti bit-

tikketta CE, li jfisser l-applikazzjoni tar-rekwiżit iktar strett f'każ li ż-żewġ Regolamenti jirregolaw l-istess parametru.

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(10a) Għall-prodotti sekondarji tal-annimali diġà użati b'mod mifrux fl-Istati Membri għall-produzzjoni tal-fertilizzanti, il-punt aħħari jenħtieġ ġigi ddeterminat mingħajr dewmien bla bżonn, u mhux aktar tard minn sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Emenda 13

Proposta għal regolament Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(12) Meta wieħed jew aktar mill-materjali komponenti ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jidħol fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009, iżda ma jkunx laħaq il-punt aħħari fil-katina ta' manifattura, ikun qarrieqi li jkun hemm dispożizzjonijiet għat-tikketta CE tal-prodott f'dan ir-Regolament, billi t-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodott bħal dan huwa suġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Għalhekk, prodotti bħal dawn għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(12) It-tqegħid għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodott sekondarju tal-annimali jew prodott derivat li għalih ma jkun għe ddefinit l-ebda punt aħħari ma jkunx intlaħaq fil-mument meta jsir disponibbli fis-suq, huwa soġġett għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009. Għalhekk, ikun qarrieqi li jkun hemm dispożizzjonijiet għat-tikketta CE tal-prodott f'dan ir-Regolament. Kwalunkwe prodott li fih jew jikkonsisti minn tali prodott sekondarju tal-annimali jew prodott derivat jenħtieġ li għalhekk jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) Għal ċertu skart irkuprat fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, għet identifikata domanda tas-suq biex jintużaw bħala prodotti fertilizzanti. Barra minn hekk, ċerti rekwiżiti għall-iskart użat bħala input fl-operazzjoni ta' rkupru u għall-proċessi u t-tekniki ta' trattament, kif ukoll għall-prodotti fertilizzanti li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' rkupru, sabiex ikun żgurat li l-użu ta' dawk il-prodotti ma jwassalx għal impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew ambjentali, b'mod ġenerali. Għal prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, dawk ir-rekwiżiti għandhom ikunu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, mill-mument li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament, prodotti bħal dawn ma għandhomx jibqgħu jitqiesu bħala skart fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE.

Emenda

(13) Għal ċertu skart irkuprat, ***bħal struvite, faħam bijoloġiku u prodotti bbażati fuq l-irmied***, fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰, għet identifikata domanda tas-suq biex jintużaw bħala prodotti fertilizzanti. Barra minn hekk, ċerti rekwiżiti għall-iskart użat bħala input fl-operazzjoni ta' rkupru u għall-proċessi u t-tekniki ta' trattament, kif ukoll għall-prodotti fertilizzanti li jirriżultaw mill-operazzjoni ta' rkupru, sabiex ikun żgurat li l-użu ta' dawk il-prodotti ma jwassalx għal impatti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem jew ambjentali, b'mod ġenerali. Għal prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, dawk ir-rekwiżiti ***jenħtieġ li*** jkun stabbiliti f'dan ir-Regolament. Għaldaqstant, mill-mument li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament, prodotti bħal dawn ***jenħtieġ li*** ma jibqgħux jitqiesu bħala skart fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE, ***u għaldaqstant jenħtieġ li jkun possibbli għall-prodotti li fihom jew huma magħmula minn tali materjali ta' skart irkuprat li jaċċedu għas-suq intern. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza tad-drift, jittieħed vantaġġ minn żviluppi tekniċi, u jiġi stimolat aktar l-inċentiv fost il-produtturi biex jagħmlu aktar użu mill-flussi ta' skart ta' valur, l-analiżijiet xjentifiċi u l-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-proċess fil-livell tal-Unjoni għal tali prodotti jenħtieġ li jibdew immedjatament wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni, mingħajr dewmien bla bżonn, ta' kategoriji akbar jew addizzjonali tal-materjali komponenti eleġibbli għall-użu fil-produzzjoni ta'***

²⁰ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

²⁰ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill *tad-19 ta' Novembru 2008* dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

Emenda 15

Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13a) Ċerti prodotti industrijali sekondarji, koprodotti jew prodotti riċiklati li ġejjin minn proċessi industrijali speċifiċi attwalment jintużaw minn manifatturi bħala komponent ta' prodott fertilizzant bit-tikketta CE. Għall-komponenti ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, ir-rekwiżiti li huma relatati ma' kategoriji tal-materjal komponent jenħtieġ li jkunu stabbiliti f'dan ir-Regolament. Jekk ikun applikabbli, mill-mument li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti kollha ta' dan ir-Regolament, prodott bħal dawn jenħtieġ li ma jibqgħux jitqiesu bħala skart skont it-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE.

Emenda 16

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14) Ċerti sustanzi u taħlitiet, li ***b'mod komuni*** jissejġu addittivi agronomiċi, itejbu r-ritmu tar-rilaxx tan-nutrijenti ta' nutrijent f'fertilizzant. Is-sustanzi u t-taħlitiet li jsiru disponibbli fis-suq bl-

(14) Ċerti sustanzi u taħlitiet, li jissejġu addittivi agronomiċi, itejbu r-ritmu tar-rilaxx tan-nutrijenti ta' nutrijent f'fertilizzant. Is-sustanzi u t-taħlitiet li jsiru disponibbli fis-suq bl-intenzjoni li jiġu

intenzjoni li jiġu miżjuda mal-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE għal dak il-għan għandhom jissodisfaw ċerti kriterji ta' effikaċja bir-responsabbiltà taqa' f'idejn il-manifattur ta' dawk is-sustanzi jew it-taħlitiet, u għandhom għalhekk jitqiesu bħala prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jkun fihom sustanzi jew taħlitiet bħal dawn għandhom ikunu soġġetti għal ċerti kriterji ta' effikaċja u **sikurezza**. Sustanzi u taħlitiet bħal dawn għandhom għalhekk jiġu rregolati bħala materjali komponenti għall-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE.

miżjuda mal-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE għal dak il-għan għandhom jissodisfaw ċerti kriterji ta' effikaċja, **sikurezza u dawk ambjentali** bir-responsabbiltà taqa' f'idejn il-manifattur ta' dawk is-sustanzi jew it-taħlitiet, u għandhom għalhekk jitqiesu bħala prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jkun fihom sustanzi jew taħlitiet bħal dawn **jenħtieġ li jkunu** soġġetti għal ċerti kriterji ta' effikaċja, **sikurezza u dawk ambjentali**. Sustanzi u taħlitiet bħal dawn **jenħtieġ li** għalhekk jiġu rregolati bħala materjali komponenti għall-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE.

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(14a) Billi prodotti magħmula minn sustanzi u taħlitiet flimkien mal-elementi fertilizzanti huma maħsuba biex jiżdiedu mal-ħamrija u jiġu rilaxxati fl-ambjent, jenħtieġ li l-kriterji ta' konformità japplikaw għall-materjali kollha fil-prodott, b'mod partikolari meta jkunu żgħar jew jinqasmu fi frammenti żgħar li jistgħu jinxterdu fil-ħamrija kollha u fis-sistemi tal-ilma u jinġarru fl-ambjent kollu. Għalhekk, il-kriterji ta' bijodegradabbiltà u l-ittestjar tal-konformità jenħtieġ li jkunu wkoll skont kundizzjonijiet realistiċi in-vivo li jqisu rati differenzjali ta' dekompożizzjoni f'kundizzjonijiet anaerobiċi, f'habitats akkwatiċi jew taħt l-ilma, f'kundizzjonijiet mifqugħa bl-ilma jew f'ħamrija ffriżata.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Ċerti sustanzi, taħlitiet u mikroorganiżmi, li ***b'mod komuni*** jissejġu bijostimulanti tal-pjanti, mhumiex fil-fatt nutrijenti, iżda madankollu jistimulaw il-proċessi ta' nutrizzjoni tal-pjanti. Meta prodotti bħal dawn ikunu mmirati biss lejn it-titjib tal-użu tan-nutrijenti tal-pjanti, it-tolleranza għall-istress abijotiku jew ***karatteristiċi*** ta' kwalità tal-għelejjel, min-natura tagħhom ikunu aktar simili għall-prodotti fertilizzanti milli għal ħafna mill-kategoriji ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti. Prodotti bħal dawn għandhom għalhekk ikunu eliġibbli għat-tikketta CE skont dan ir-Regolament u jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹. Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu jiġi emendat skont dan.

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

Emenda

(15) Ċerti sustanzi, taħlitiet u mikroorganiżmi, li jissejġu bijostimulanti tal-pjanti, mhumiex fil-fatt ***inputs ta'*** nutrijenti, iżda madankollu jistimulaw il-proċessi ***naturali*** ta' nutrizzjoni tal-pjanti. Meta prodotti bħal dawn ikunu mmirati biss lejn it-titjib tal-użu tan-nutrijenti tal-pjanti, it-tolleranza għall-istress abijotiku, jew ***il-karatteristiċi*** ta' kwalità tal-għelejjel, ***id-degradazzjoni tal-komposti organiċi tal-ħamrija, jew iż-żieda tad-disponibbiltà ta' nutrijenti fir-riżosfera***, min-natura tagħhom ikunu aktar simili għall-prodotti fertilizzanti milli għal ħafna mill-kategoriji ta' prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti. ***Għalhekk, jaħdmu flimkien ma' fertilizzanti, bil-għan li jottimizzaw l-effiċjenza tagħhom u jnaqqsu d-dożi tan-nutrijenti tagħhom.*** Prodotti bħal dawn ***jenħtieġ li*** għalhekk ikunu eliġibbli għat-tikketta CE skont dan ir-Regolament u jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹. Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ***jenħtieġ li*** jiġi emendat skont dan.

²¹ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1).

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 15a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15a) Għall-mikroorganiżmi, jenħtieġ li l-kategoriji ta' materjal komponent jitwessgħu jew jiżdiedu sabiex jiggarrantixxu u jsaħħu l-potenzjal innovattiv li jikkonċerna l-iżvilupp u l-iskoperta ta' prodotti ġodda ta' bijostimulant mikrobiku tal-pjanti. Sabiex tiġi stimulata l-innovazzjoni u tinholq ċertezza tad-dritt għall-produtturi dwar ir-rekwiżiti li għandhom jiġu sodisfatti għall-użu ta' mikroorganiżmi bħala materjali komponenti għall-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, il-metodi armonizzati għall-evalwazzjoni tas-sigurtà ta' mikroorganiżmi għandhom jiġu identifikati b'mod ċar. Il-ħidma preparatorja għad-definizzjoni ta' dawn il-metodi ta' evalwazzjoni ta' sigurtà jenħtieġ li tibda immedjatament wara ddhul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi, mingħajr ebda dewmien bla bżonn, ir-rekwiżiti li l-produtturi għandhom ikunu konformi magħhom meta juru s-sigurtà tal-mikroorganiżmi sabiex ikunu rreġistrati għall-użu fil-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Prodotti li jkollhom funzjoni waħda jew aktar, li waħda minnhom tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jibqgħu taħt il-kontroll imfassal apposta għal prodotti bħal dawn u previst f'dak ir-Regolament. Meta prodotti bħal dawn ikollhom ukoll il-funzjoni ta' prodott fertilizzanti, ikun qarrieqi li t-tikketta CE tagħhom tiġi prevista f'dan ir-Regolament, billi t-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodott ta' protezzjoni tal-pjanti jiddependi fuq awtorizzazzjoni tal-prodott valida fl-Istat Membru kkonċernat. Għalhekk, prodotti bħal dawn għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda

(16) Prodotti li jkollhom funzjoni waħda jew aktar, li waħda minnhom tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, ***huma prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.*** ***Dawk il-prodotti jenħtieġ li*** jibqgħu taħt il-kontroll imfassal apposta għal prodotti bħal dawn u previst f'dak ir-Regolament. Meta prodotti bħal dawn ikollhom ukoll il-funzjoni ***jew l-azzjoni*** ta' prodott fertilizzanti, ikun qarrieqi li t-tikketta CE tagħhom tiġi prevista f'dan ir-Regolament, billi t-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodott ta' protezzjoni tal-pjanti jiddependi fuq awtorizzazzjoni tal-prodott valida fl-Istat Membru kkonċernat. Għalhekk, prodotti bħal dawn għandhom jiġu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Emenda 21

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) Dan ir-Regolament ma għandux jipprevjeni l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni relatata ma' aspetti ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ambjent li mhumiex koperti b'dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mingħajr ħsara għad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE²², id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE²³, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴, ir-

Emenda

(17) ***Indipendentement mit-tip tal-prodott ta' nutriment għall-pjanti bit-tikketta CE, jenħtieġ li dan*** ir-Regolament ma jipprevjenix l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni relatata ma' aspetti ta' protezzjoni tas-saħħa, tas-sikurezza u tal-ambjent li mhumiex koperti b'dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament ***jenħtieġ li*** japplika mingħajr ħsara għad-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE²², id-Direttiva tal-Kunsill

Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006²⁶, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE²⁷, ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸, ***u r-Regolament*** (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹.

89/391/KEE²³, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁴, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁵, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006²⁶, id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE²⁷, ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁸, ***ir-Regolament*** (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹, ***id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE^{29a}, u d-Direttiva 2000/60/KE^{29b}***.

²² Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ tintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

²³ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

²⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi

²² Id-Direttiva tal-Kunsill 86/278/KEE tat-12 ta' Ġunju 1986 dwar il-protezzjoni tal-ambjent, u b'mod partikolari tal-ħamrija, meta l-ħama tad-drenaġġ tintuża fl-agrikoltura (ĠU L 181, 4.7.1986, p. 6).

²³ Id-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1).

²⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

²⁵ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1).

²⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

²⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi

kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

²⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 1).

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità (ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1).

²⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 98/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' prekursori tal-isplussivi (ĠU L 39, 9.2.2013, p. 1).

²⁹ Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35).

^{29a} *Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).*

^{29b} *Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1).*

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17a) It-traċċabbiltà tal-prodotti li huma vulnerabbli għat-tniġġis organiku minn ċerti sorsi potenzjalment problematiċi (jew perċepiti bħala tali) jenħtieġ li tiġi żgurata lura għas-sors tal-materjal organiku. Dan huwa neċessarju sabiex tiġi żgurata l-fiduċja tal-konsumatur u biex tiġi limitata l-ħsara f'każ li sseħħ kontaminazzjoni lokali. B'riżultat ta' dan, l-impriżi li jużaw prodotti fertilizzanti li fihom materjal

organiku minn dawn is-sorsi jkunu jistgħu jiġu identifikati. Dan jenħtieġ li jkun obbligatorju għall-prodotti li fihom materjal minn skart jew minn prodotti sekondarji li ma jkunux għaddew minn xi proċessar li jeqred is-sustanzi niġġiesa organiċi, patoġeni u l-materjal ġenetiku. L-għan mhuwiex biss li jitnaqqsu r-riskji għas-saħħa u l-ambjent, iżda huwa wkoll li tiġi assicurata l-opinjoni pubblika u li jittieħed kont tat-tħassib tal-bdiewa fir-rigward tal-patoġeni, is-sustanzi organiċi li jniġġsu u l-materjal ġenetiku. Sabiex is-sidien tal-art jiġu protetti kontra t-tniġġis li tiegħu huma stess ma għandhomx tort, l-Istati Membri huma mitluba jistabbilixxu regoli xierqa ta' responsabbiltà.

Emenda 23

**Proposta għal regolament
Premessa 17b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(17b) Il-prodotti sekondarji mhux trattati ġejjin mill-produzzjoni tal-annimali jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal dan ir-Regolament.

Emenda 24

**Proposta għal regolament
Premessa 19 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(19a) F'konformità mal-ekonomija ċirkolari, ċerti prodotti sekondarji jew koprodotti tal-industrija minn proċessi industrijali speċifiċi diġà jintużaw minn manifatturi bħala komponenti ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE. Rekwiżiti

*relatati ma' dawn il-kategoriji ta' materjal
komponenti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fl-
Anness II.*

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) **Taħlita** ta' prodotti **fertilizzanti bit-tikketta CE** differenti, li kull wieħed minnhom ikun ġie soġġett għal valutazzjoni ta' konformita' pożittiva mar-rekwiżiti applikabbli għal dak il-materjal, tista' tiġi mistennija li tkun adattata biex tintuża bħala prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, suġġetta biss għal ċerti rekwiżiti addizzjonali minħabba **t-taħlit**. Għaldaqstant, sabiex jiġi evitat piż amministrattiv mhux neċessarju, **taħlitiet** bħal dawn għandhom jitqiegħdu f'kategorija separata, li għaliha l-valutazzjoni ta' konformita' għandha tkun limitata għar-rekwiżiti addizzjonali ġġustifikati mit-taħlit.

Emenda

(20) **Kombinazzjoni** ta' prodotti **minn kategoriji funzjonali ta' prodott** differenti, li kull wieħed minnhom ikun ġie soġġett għal valutazzjoni ta' konformita' pożittiva mar-rekwiżiti applikabbli għal dak il-materjal, tista' tiġi mistennija li tkun adattata biex tintuża bħala prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, suġġetta biss għal ċerti rekwiżiti addizzjonali minħabba **t-taħlita**. Għaldaqstant, sabiex jiġi evitat piż amministrattiv mhux neċessarju, **kombinazzjonijiet** bħal dawn **jenħtieġ li** jitqiegħdu f'kategorija separata, li għaliha l-valutazzjoni ta' konformita' **jenħtieġ li** tkun limitata għar-rekwiżiti addizzjonali ġġustifikati mit-taħlit.

(Din l-emenda tkopri wkoll emenda orizzontali dwar it-terminu "taħlita/taħlitiet" (fil-plural jew fis-singular) li qed jinbidel għal "kombinazzjoni/jiet" (fil-plural jew fis-singular); l-adozzjoni tagħha se tirrikjedi t-tibdil korrispondenti ta' dawn it-termini fit-test kollu kemm hu u, konsegwentement, fl-emendi adottati).

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Meta jkun qed iqiegħed prodott **fertilizzanti** bit-tikketta CE fis-suq, l-importatur għandu jindika fuq l-imballaġġ tal-prodott **fertilizzanti** ismu, l-isem ta'

Emenda

(25) Meta jkun qed iqiegħed prodott bit-tikketta CE fis-suq, l-importatur **jenħtieġ li** jindika fuq l-imballaġġ tal-prodott ismu, l-isem ta' kummerċjalizzazzjoni rreġistrat u

kummerċjalizzazzjoni rreġistrat u l-marka ta' kummerċjalizzazzjoni rreġistrata u l-indirizz postali fejn ikun jista' jiġi kkuntattjat, sabiex jiffaċilita s-sorveljanza tas-suq.

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 31

Test propost mill-Kummissjoni

(31) Fejn ma jkunux ġew adottati standards armonizzati, jew ma jagħmlux dan f'biżżejjed dettall li jkopri l-elementi kollha tar-rekwiżiti tal-kwalità u tas-sikurezza stipulati f'dan ir-Regolament, **jista' jkun li** jkun meħtieġa kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti. Il-Kummissjoni għalhekk għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw dawk il-kundizzjonijiet fi speċifikazzjonijiet komuni. Għal raġunijiet ta' ċertezza **legali**, għandu jiġi ċċarat li l-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE jridu jkun konformi ma' speċifikazzjonijiet bħal dawn ukoll jekk huma kkunsidrati li jkun konformi mal-istandards armonizzati.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test propost mill-Kummissjoni

(47) Prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE għandhom jitqiegħdu fis-suq biss jekk huma effettivi b'mod suffiċjenti u ma jippreżentawx **riskji inaċċettabbli** għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent meta jinħażnu kif suppost u użati għall-użu

l-marka ta' kummerċjalizzazzjoni rreġistrata u l-indirizz postali fejn ikun jista' jiġi kkuntattjat, **kif ukoll il-manifattur tal-pajjiż terz**, sabiex jiffaċilita s-sorveljanza tas-suq.

Emenda

(31) Fejn ma jkunux ġew adottati standards armonizzati, jew ma jagħmlux dan f'biżżejjed dettall li jkopri l-elementi kollha tar-rekwiżiti tal-kwalità u tas-sikurezza stipulati f'dan ir-Regolament, **u fejn ikun hemm dewmien bla bżonn fil-proċess tal-adozzjoni jew l-aġġornament tal-istandards biex jiġu riflessi dawk ir-rekwiżiti, miżuri intermedji jistgħu** jkun meħtieġa **biex jiġu stabbiliti** kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti. **Jenħtieġ li** l-Kummissjoni għalhekk ikollha s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiffissaw dawk il-kundizzjonijiet fi speċifikazzjonijiet komuni. Għal raġunijiet ta' ċertezza **legalitad-dritt, jenħtieġ li** jiġi ċċarat li l-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE jridu jkun konformi ma' speċifikazzjonijiet bħal dawn ukoll jekk huma kkunsidrati li jkun konformi mal-istandards armonizzati.

Emenda

(47) Prodotti fertilizzanti bit-**tikketta** CE **jenħtieġ li** jitqiegħdu fis-suq biss jekk huma effettivi b'mod suffiċjenti u ma jippreżentawx **riskju** għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent meta jinħażnu kif suppost u użati għall-użu intenzjonat

intenzjonat tagħhom, u taħt kundizzjonijiet ta' użu li jistgħu jitbassru b'mod raġonevoli, jiġifieri meta użu bħal dan jista' jirriżulta minn aġir uman legali u li jitbassar faċilment. Għaldaqstant, għandhom jiġu stabbiliti rekwiżiti għas-sikurezza u l-kwalità, kif ukoll mekkaniżmi xierqa ta' kontroll. Barra minn hekk, l-użu intenzjonat ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE ma għandux iwassal għal sitwazzjoni fejn l-ikel jew l-ġhalf ma jibqgħux sikuri.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 49

Test propost mill-Kummissjoni

(49) Is-sistema eżistenti għandha tiġi ssupplimentata bi proċedura li skontha l-partijiet interessati jiġu infurmati b'miżuri maħsubin li jittieħdu fir-rigward ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jippreżentaw riskju **inaċċettabbli** għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent. Din għandha tippermetti wkoll li l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' prodotti fertilizzanti bħal dawn.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 55

Test propost mill-Kummissjoni

(55) Qed isir progress tekniku promettenti fil-qasam tar-riċiklaġġ tal-iskart, bħar-riċiklaġġ tal-fosforu mill-ħama tad-dranaġġ **u l-produzzjoni** tal-prodotti fertilizzanti minn prodotti sekondarji mill-annimali, bħall-faħam bijoloġiku. Għandu jkun possibbli li prodotti li jkun fihom jew li jkunu magħmulin minn materjali bħal

tagħhom, u taħt kundizzjonijiet ta' użu li jistgħu jitbassru b'mod raġonevoli, jiġifieri meta użu bħal dan jista' jirriżulta minn aġir uman legali u li jitbassar faċilment. Għaldaqstant, **jenħtieġ li** jiġu stabbiliti rekwiżiti għas-sikurezza u l-kwalità, kif ukoll mekkaniżmi xierqa ta' kontroll. Barra minn hekk, l-użu intenzjonat ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE jenħtieġ li ma jwassalx għal sitwazzjoni fejn l-ikel jew l-ġhalf ma jibqgħux sikuri.

Emenda

(49) **Jenħtieġ li** s-sistema eżistenti tiġi ssupplimentata bi proċedura li skontha l-partijiet interessati **kollha, inklużi partijiet ikkonċernati mis-saħħa u l-konsumaturi**, jiġu infurmati b'miżuri maħsubin li jittieħdu fir-rigward ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jippreżentaw riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent. Din **jenħtieġ li** tippermetti wkoll li l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, f'kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, jaġixxu fi stadju bikri fir-rigward ta' prodotti fertilizzanti bħal dawn.

Emenda

(55) Qed isir progress tekniku promettenti fil-qasam tar-riċiklaġġ tal-iskart, bħar-riċiklaġġ tal-fosforu mill-ħama tad-dranaġġ, **bħall-istruvite, il-produzzjoni** tal-prodotti fertilizzanti minn prodotti sekondarji mill-annimali, bħall-faħam bijoloġiku, **u l-irkupru tal-fosforu wara l-inċinerazzjoni, bħall-prodotti bbażati fuq**

dawn ikunu jistgħu *jaċċessaw is-suq* intern mingħajr dewmien mhux neċessarju, meta l-proċessi ta' manifattura jkunu ġew analizzati xjentifikament u r-rekwiżiti tal-proċess ikunu ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Għal dik il-fini, is-setgħa li l-atti jiġu adattati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward *ta' definizzjoni ta' kategoriji akbar jew addizzjonali ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE jew materjali komponenti eliġibbli* għall-użu fil-produzzjoni *ta' prodotti bħal dawn. Għall-prodotti* sekondarji mill-annimali, il-kategoriji ta' komponenti materjali għandhom jitwessgħu jew jiżdiedu biss sakemm jiġi determinat punt aħħari fil-katina ta' manifattura f'konformità mal-proċeduri stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, *għaliex prodotti sekondarji mill-annimali li għalihom ma jkunx ġie determinat punt aħħari bħal dan, fi kwalunkwe każ, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.*

l-irmied. Jenħtieġ li jkun possibbli li prodotti li jkun fihom jew li jkunu magħmulin minn materjali bħal dawn ikunu jistgħu *jaċċedu għas-suq* intern mingħajr dewmien mhux neċessarju, meta l-proċessi ta' manifattura jkunu ġew analizzati xjentifikament u r-rekwiżiti tal-proċess ikunu ġew stabbiliti fil-livell tal-Unjoni. Għal dik il-fini, *jenħtieġ li s-setgħa* li l-atti jiġu adattati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward *tal-eleġibbiltà* ta' materjali *bħal dawn* għall-użu fil-produzzjoni. *Għall-prodotti dderivati minn prodotti* sekondarji mill-annimali, il-kategoriji ta' komponenti materjali *jenħtieġ li* jitwessgħu jew jiżdiedu biss sakemm jiġi determinat punt aħħari fil-katina ta' manifattura f'konformità mal-proċeduri stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

Emenda 31

Proposta għal regolament
Premessa 55a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(55a) Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkun fih polimeri differenti minn polimeri nutrijenti, madankollu dan jenħtieġ li jiġi limitat għal każijiet fejn l-iskop tal-polimeru huwa li jikkontrolla r-rilaxx ta' nutrijenti jew iżid il-kapaċitajiet ta' żamma tal-ilma tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE. Jenħtieġ li jkun possibbli għal prodotti innovattivi li fihom tali polimeri li jkollhom aċċess għas-suq intern. Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji

għas-saħħa tal-bniedem, għas-sikurezza jew għall-ambjent li jistgħu jiġu kkawżati minn polimeri oħrajn minbarra polimeri nutrijenti, il-kriterji għal bijodegradazzjoni taġġhom sabiex ikunu kapaċi jgħaddu minn dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika jenħtieġ li jiġu stabbiliti. Għal dik il-fini, is-setgħa li l-atti jiġu adattati f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tad-definizzjoni tal-kriterji tal-konverżjoni ta' karbonju polimeriku għal diossidu tal-karbonju (CO₂) u metodu ta' ttestjar rispettiv għall-biodegradazzjoni.

Emenda 32

Proposta għal regolament Premessa 56

Test propost mill-Kummissjoni

(56) Barra minn hekk, **għandu** jkun possibbli li jkun hemm reazzjoni immedjata għal sejbiet ġodda fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE biex ikunu effettivi b'mod suffiċjenti u għal valutazzjonijiet tar-riskju ġodda fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, tas-sikurezza jew tal-ambjent. Għal dik il-fini, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex temenda r-rekwiżiti applikabbli għal diversi kategoriji ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE.

Emenda

(56) Barra minn hekk, **jenħtieġ li** jkun possibbli li jkun hemm reazzjoni immedjata għal sejbiet ġodda fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE biex ikunu effettivi b'mod suffiċjenti u għal valutazzjonijiet tar-riskju ġodda fir-rigward tas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, tas-sikurezza jew tal-ambjent, **filwaqt li jitqiesu l-valutazzjonijiet magħmula mill-awtoritajiet jew f'kooperazzjoni magħhom fl-Istati Membri**. Għal dik il-fini, is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat **jenħtieġ li** tiġi ddelegata lill-Kummissjoni biex temenda r-rekwiżiti applikabbli għal diversi kategoriji ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE.

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 57

Test propost mill-Kummissjoni

(57) *Fl-eżerċitar ta' dawk is-setgħat*, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż f'livell espert. *Il-Kummissjoni, meta tħejji u tfassal* atti delegati, *għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adattata ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

Emenda

(57) *Meta tadotta atti delegati previsti f'dan ir-Regolament*, huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq il-konsultazzjonijiet xierqa waqt ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż f'livell espert, *u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.*

Emenda 34

Proposta għal regolament

Premessa 59a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(59a) *Minħabba l-livell għoli ta' dipendenza mill-importazzjonijiet ta' blat fosfatiku fl-Unjoni, il-Kummissjoni kklassifikat tali materja bħala materja prima kritika. Huwa għaldaqstant neċessarju li jsir monitoraġġ tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-aċċess għall-provvisti tal-materja prima b'mod ġenerali, fuq id-disponibbiltà tal-blat fosfatiku b'mod partikolari u, fiż-żewġ każijiet, fuq il-prezzijiet. Wara tali evalwazzjoni, u fil-każ ta' impatt negattiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri li*

tqis xierqa biex issewwi tali tfixkil lill-kummerċ.

Emenda 35

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) prodotti sekondarji mill-annimali li *jkunu* soġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009,

Emenda

(a) prodotti sekondarji mill-annimali *jew prodotti derivati* li *jsiru disponibbli fis-suq* soġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009,

Emenda 36

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) Id-Direttiva 91/676/KEE;

Emenda 37

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) Id-Direttiva 2000/60/KE;

Emenda 38

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

(1) **'prodott fertilizzanti'** tfisser sustanza, taħlita, mikroorganiżmu jew kwalunkwe materjal ieħor, **applikat** jew **intenzjonat** li **jiġi applikat, waħdu** jew **imħallat** ma' materjal ieħor, fuq **pjanti** jew fuq **ir-riżosfera tagħhom** għal fini li **jipprovdi** n-nutrijenti lill-pjanti jew **itejjeb l-effiċjenza nutrittiva** tagħhom;

Emenda

(1) **'prodott ta' nutriment tal-pjanti'** tfisser sustanza, taħlita, mikroorganiżmu jew kwalunkwe materjal ieħor, **applikati** jew **intenzjonati** li **jiġu applikati, waħidhom** jew **imħallta** ma' materjal ieħor, fuq **il-faqqiegħ jew il-mikosfera tagħhom** jew fuq **il-pjanti fi kwalunkwe stadju tat-tkabbir, inklużi ż-żrieragħ, u/jew ir-riżosfera**, għal fini li **jipprovdu** n-nutrijenti lill-pjanti jew **lill-faqqiegħ jew li jtejbu l-kondizzjonijiet ta' tkabbir bijoloġiċi jew fiżiċi tagħhom jew il-vitalità ġenerali, ir-rendimenti u l-kwalità** tagħhom, **inkluż billi jżidu l-kapaċità tal-pjanti li jieħdu n-nutrijenti (bl-eċċezzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti koperti mir-Regolament (KE) Nru 1107/2009);**

Emenda 39

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

(3) 'sustanza' tfisser **sustanza fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;**

Emenda

(3) 'sustanza' tfisser **element kimiku u l-komposti tiegħu fl-istat naturali jew miksuba bi kwalunkwe proċess ta' manifattura, inkluż kwalunkwe addittiv meħtieġ sabiex jippreserva l-istabbiltà tagħha u kwalunkwe impurità dderivata mill-proċess użat, iżda eskluż kwalunkwe solvent li jista' jiġi sseparat mingħajr ma jaffettwa l-istabbiltà tas-sustanza jew ibiddel il-kompożizzjoni tagħha;**

Emenda 40

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

(13) 'speċifikazzjoni teknika' tfisser dokument li jippreskrivi r-rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati minn prodott fertilizzanti bit-tikketta CE;

Emenda

(13) 'speċifikazzjoni teknika' tfisser dokument li jippreskrivi r-rekwiżiti tekniċi li għandhom jiġu ssodisfati minn prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ***jew mill-proċess tal-produzzjoni tiegħu;***

Emenda 41

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri ma għandhomx ixekklu ***t-tpoġġija*** għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jikkonformaw mar-Regolament.

Emenda

L-Istati Membri ma għandhomx ixekklu, ***għall-aspetti u r-riskji koperti minn dan ir-Regolament, it-tpoġġija*** għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jikkonformaw mar-Regolament.

Emenda 42

Proposta għal regolament

Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dan ir-Regolament m'għandux jipprevjeni lill-Istati Membri milli jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet, li huma f'konformità mat-Trattati, dwar l-użu tal-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE bil-għan li jiġu protetti s-saħħa pubblika u l-ambjent, sakemm daww id-dispożizzjonijiet ma jeħtiġux modifika tal-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li huma f'konformità ma' dan ir-

Regolament u sakemm dawk ma jinfluwenzawx il-kundizzjonijiet biex isiru disponibbli fis-suq.

Emenda 44

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni Ewropea għandha simultanjament mal-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tippubblika dokument ta' gwida li jipprovdi informazzjoni ċara u eżempji għall-manifatturi u l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq dwar kif jenħtieġ li tidher it-tikketta. Dan id-dokument ta' gwida għandu jispjega wkoll informazzjoni rilevanti oħra kif imsemmi fil-paragrafu 2(d) tal-Parti I tal-Anness III.

Emenda 45

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal **10-il sena** wara li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE kopert minn dawk id-dokumenti jkun tqiegħed fis-suq.

3. Il-manifatturi għandhom iżommu d-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal **ħames snin** wara li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE kopert minn dawk id-dokumenti jkun tqiegħed fis-suq.

(Din hija emenda orizzontali dwar it-terminu biex iżommu d-dokumentazzjoni teknika kollha; l-adozzjoni tagħha se tirrikjedi t-tibdil korrispondenti fit-test kollu kemm hu u, konsegwentement, fl-emendi adottati)

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 6 - paragrafu 4 - subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-manifatturi għandhom li jiżguraw li jkollhom fis-seħħ proċeduri għal prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li huma parti minn serje ta' produzzjoni jibqgħu konformi ma' dan ir-Regolament. Bidliet ***fil-metodu ta' produzzjoni jew*** fil-karatteristiċi ta' daww il-prodotti fertilizzanti u bidliet fl-istandards ta' armonizzazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 13 jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq.

Emenda

Il-manifatturi għandhom li jiżguraw li jkollhom fis-seħħ proċeduri għal prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li huma parti minn serje ta' produzzjoni jibqgħu konformi ma' dan ir-Regolament. Bidliet fil-karatteristiċi ta' daww il-prodotti fertilizzanti u bidliet fl-istandards ta' armonizzazzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 13 jew fi speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn li b'referenza għalihom tiġi ddikjarata l-konformità ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandhom jiġu kkunsidrati kif xieraq.

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 6 - paragrafu 4 - subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jkun meqjus xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta', jew tar-riskji ppreżentati minn, prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, il-manifatturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' prodotti fertilizzanti bħal dawn ***li jkunu tqiegħdu*** għad-dispożizzjoni fis-suq, jinvestigaw, u ***jekk ikun hemm bżonn, iżommu*** reġistru tal-ilmenti, ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE mhux konformi u ta' sejħiet lura ta' prodotti bħal dawn, u għandhom iżommu lid-distributuri infurmati b'monitoraġġ ***bħal*** dan.

Emenda

Meta jkun meqjus xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ta', jew tar-riskji ppreżentati minn, prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, il-manifatturi għandhom, ***biex jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u l-ambjent***, iwettqu testijiet ta' kampjuni ta' prodotti fertilizzanti bħal dawn għad-dispożizzjoni fis-suq, jinvestigaw u ***jżommu*** reġistru tal-ilmenti ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE mhux konformi u ta' sejħiet lura ta' prodotti bħal dawn, u għandhom iżommu lid-distributuri ***u lill-awtoritajiet li jissorveljaw is-suq*** infurmati

b'monitoraġġ *ta'* dan *it-tip*.

Emenda 48

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġstrat jew il-marka kummerċjali rreġstrata tagħhom u l-indirizz postali li fih ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati dwar l-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jew, fejn il-prodott fertilizzanti jiġi fornut mingħajr imballaġġ, f'dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti. L-indirizz postali għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattat il-manifattur. ***Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu*** b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Emenda

6. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġstrat jew il-marka kummerċjali rreġstrata tagħhom u l-indirizz postali li fih ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati dwar l-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jew, fejn il-prodott fertilizzanti jiġi fornut mingħajr imballaġġ, f'dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti. L-indirizz postali għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattat il-manifattur. Din ***l-informazzjoni għandha tkun*** b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, ***kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, u għandhom ikunu ċari, jinftiehem u intelliġibbli.***

Emenda 49

Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***l-prodotti*** fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi ttikkettat f'konformità mal-Anness III, jew fejn ***il-prodott*** fertilizzanti jiġi fornut mingħajr imballaġġ, li ***d-dikjarazzjonijiet tat-tikkettar jingħataw f'dokument*** li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti ***u jkun*** aċċessibbli għal finijiet ta' spezzjoni meta ***l-prodott jitqiegħed fis-suq. Id-dikjarazzjoni fuq it-tikketta*** għandha tkun

Emenda

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li ***l-prodott*** fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi ttikkettat f'konformità mal-Anness III, jew fejn ***il-pakkett ikun żgħir wisq biex it-tikketta tinkludi l-informazzjoni kollha, jew meta l-prodott*** fertilizzanti ***bit-tikketta CE*** jiġi fornut mingħajr imballaġġ, li ***l-informazzjoni meħtieġa tiġi pprovduta f'dokument*** li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti ***bit-tikketta CE. L-***

b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, u għandha tkun ċara, tinftiehem u intelliġibbli.

informazzjoni meħtieġa skont l-Anness III għandha tkun b'lingwa li tkun tista' tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin, kif iddeterminat mill-Istat Membru kkonċernat, u għandha tkun ċara, tinftiehem u intelliġibbli.

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 10 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

10. Il-manifattur għandu jissottometti rapport dwar ***t-test*** ta' reżistenza għad-detonazzjoni, ***previst*** fl-Anness IV, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru destinatarju, ***għall-prodotti*** fertilizzanti bit-tikketta CE li ġejjin:

Emenda

10. Il-manifattur għandu jissottometti rapport dwar ***it-test*** ta' reżistenza għad-detonazzjoni, ***preskritt*** fl-Anness IV, lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru destinatarju, ***u jiggarrantixxi li l-prodotti*** fertilizzanti bit-tikketta CE li ġejjin ***ikunu kapaċi jgħaddu minn dak it-test***.

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 10 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ***taħlitiet*** ta' prodotti ***fertilizzanti***, kif speċifikat fil-kategorija ***ta' funzjoni tal-prodott*** 7 fl-Anness I, li ***fihom fertilizzant kif jissemma*** fil-punt (a).

Emenda

(b) ***taħlit minn kategoriji funzjonali*** ta' prodotti ***differenti***, kif speċifikat fil-kategorija ***funzjonali ta' prodotti*** 7 fl-Anness I, li ***jkun fih fertilizzant imsemmi*** fil-punt (a).

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 10 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rapport għandu jiġi sottomess mill-inqas ħamest ijiem qabel it-tqegħid fis-suq ta'

Emenda

Ir-rapport għandu jiġi sottomess mill-inqas ħamest ijiem ***ta' xogħol*** qabel it-tqegħid

dawk il-prodotti.

fis-suq ta' dawk il-prodotti. ***II-Kummissjoni għandha tipprovdi l-lista tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fis-sit tagħha fuq l-internet.***

Emenda 53

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq prodotti fertilizzanti*** bit-tikketta CE li *huma* konformi biss.

Emenda

1. ***Il-prodotti fertilizzanti*** bit-tikketta CE li *jkunu* konformi biss ***jistgħu jiġu importati fl-Unjoni u jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni.***

Emenda 54

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Qabel ma jqiegħdu prodott fertilizzanti bit-tikketta CE fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa msemmija fl-Artikolu 14 tkun twettqet mill-manifattur. Għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun ħejja d-dokumentazzjoni teknika, li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u d-dokumenti meħtieġa, u li l-manifattur ikun mexa b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6(5) u (6). Meta importatur jikkunsidra jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ma jkunx konformi mar-rekwiżiti applikabbli ***stipulati fl-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III***, huwa ma għandux iqiegħed il-prodott fertilizzanti fis-suq qabel ma dan jingiebb konformi. Barra minn hekk, meta l-

Emenda

2. Qabel ma jqiegħdu prodott fertilizzanti bit-tikketta CE fis-suq, l-importaturi għandhom jiżguraw li l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa msemmija fl-Artikolu 14 tkun twettqet mill-manifattur. Għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun ħejja d-dokumentazzjoni teknika, li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun akkumpanjat minn dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u d-dokumenti meħtieġa, u li l-manifattur ikun mexa b'konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6(5) u (6). Meta importatur jikkunsidra jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ma jkunx konformi mar-rekwiżiti applikabbli ***ta' dan ir-Regolament***, huwa ma għandux iqiegħed il-prodott fertilizzanti fis-suq qabel ma dan jingiebb konformi. Barra minn hekk, meta l-prodott fertilizzanti bit-

prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jippreżenta riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti jew għas-sikurezza jew għall-ambjent, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq b'dan.

tikketta CE jippreżenta riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti jew għas-sikurezza jew għall-ambjent, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq b'dan.

Emenda 55

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq l-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jew, fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi fornut mingħajr imballaġġ, f'dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Emenda

3. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata tagħhom u l-indirizz postali fejn jistgħu jiġu kkuntattjati, ***flimkien mal-manifatturi minn pajjiżi terzi***, fuq l-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jew, fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi fornut mingħajr imballaġġ, f'dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti. Id-dettalji ta' kuntatt għandhom ikunu b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin u mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Emenda 56

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ***ikollu*** tikketta f'konformità mal-Anness III b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-

Emenda

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ***jkollu*** tikketta f'konformità mal-Anness III ***jew, meta l-pakkett ikun iżgħir wisq biex it-***

utent aħħari, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat.

tikketta tinkludi l-informazzjoni kollha, jew meta l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi fornut mingħajr imballaġġ, li l-informazzjoni meħtieġa tiġi pprovduta f'dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE. L-informazzjoni rikjesta skont l-Anness III għandha tkun b'lingwa li tista' tinftiehem faċilment mill-utent aħħari, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat.

Emenda 57

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Fejn ikun meqjus xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ***jew tar-riskji ppreżentati mill-prodott*** fertilizzanti bit-tikketta CE, l-importaturi għandhom iwettqu testijiet ta' kampjuni tal-prodotti fertilizzanti li jkunu ***disponibbli*** fis-suq, jinvestigaw u, jekk ikun hemm bżonn, iżommu reġistru tal-ilmenti ***ta' prodotti*** fertilizzanti li juru nuqqas ta' konformità u ***sejħiet*** lura ta' prodotti ***fertilizzanti bit-tikketta CE***, u għandhom iżommu lid-distributuri informati ***b'monitoraġġ bħal*** dan.

Emenda

6. Fejn ikun meqjus xieraq fir-rigward tal-prestazzjoni ***ta' prodott*** fertilizzanti bit-tikketta CE ***jew tar-riskji li jippreżenta***, l-importaturi għandhom, ***biex jipproteġu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi u l-ambjent***, iwettqu testijiet ta' kampjuni tal-prodotti fertilizzanti li jkunu ***tqiegħdu*** fis-suq, jinvestigaw u, jekk ikun hemm bżonn, iżommu reġistru tal-ilmenti ***fir-rigward tal-prodotti*** fertilizzanti ***bit-tikketta CE*** li juru nuqqas ta' konformità u ***s-sejħiet*** lura ta' prodotti ***ta' dan it-tip***, u għandhom iżommu lid-distributuri informati ***dwar kwalunkwe monitoraġġ ta' dan it-tip***.

Emenda 58

Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni

8. L-importaturi għandhom, għal ***10***

Emenda

8. L-importaturi għandhom, għal ***ħames***

snin wara li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun **tiqiegħed** fis-suq, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-UE **tal-konformità** għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun tista' **ssir disponibbli għal** dawk l-awtoritajiet, fuq talba min-naħa tagħhom.

snin wara li l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun **ġie introdott** fis-suq, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni **ta' konformità** tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u jiżguraw li d-dokumentazzjoni teknika tkun tista' **titqiegħed għad-dispożizzjoni ta'** dawk l-awtoritajiet, fuq talba min-naħa tagħhom. **Fuq talba, l-importaturi għandhom iqiegħdu kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-operaturi ekonomiċi l-oħra kkonċernati.**

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Qabel iqiegħdu prodott fertilizzanti bit-tikketta CE **għad-dispożizzjoni** fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li dan ikun akkumpanjat **minn dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u** mid-dokumenti meħtieġa, li jkollu tikketta f'konformità mal-Anness III b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin fl-Istat Membru li fih il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun se jitqiegħed **għad-dispożizzjoni** fis-suq u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6(5) u (6) u l-Artikolu 8(3) rispettivament.

Emenda

Qabel iqiegħdu prodott fertilizzanti bit-tikketta CE fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li dan ikun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa, li jkollu tikketta f'konformità mal-Anness III b'lingwa li tinftiehem faċilment mill-utenti aħħarin fl-Istat Membru li fih il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun se jitqiegħed fis-suq u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6(5) u (6) u l-Artikolu 8(3) rispettivament. **Meta l-pakkett ikun żgħir wisq biex it-tikketta tinkludi l-informazzjoni kollha, jew meta l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi fornut mingħajr imballaġġ, id-distributuri tas-suq għandhom jivverifikaw li l-informazzjoni meħtieġa tiġi pprovduta f'dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.**

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 9 - paragrafu 2 - subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta distributur jikkunsidra jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ma jkunx konformi mar-rekwiżiti applikabbli ***stipulati fl-Anness I, l-Anness II jew l-Anness III***, huwa ma għandux iquieghed il-prodott fertilizzanti ***għad-dispożizzjoni*** fis-suq ***sakemm dan ma jkunx iṅgieb f'konformità***. Barra minn hekk, meta l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jippreżenta riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti jew għas-sikurezza jew għall-ambjent, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur b'dan, kif ukoll lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Emenda

Meta distributur jikkunsidra jew ikollu raġuni biex jemmen li prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ma jkunx konformi mar-rekwiżiti applikabbli ***ta' dan ir-Regolament***, huwa ma għandux iquieghed il-prodott fertilizzanti fis-suq ***qabel jinġieb konformi***. Barra minn hekk, meta l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jippreżenta riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti jew għas-sikurezza jew għall-ambjent, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur b'dan, kif ukoll lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq.

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mingħajr ħsara għall-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 13, prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, li jkunu f'konformità mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom, li ***referenzi*** għalihom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li ***huma f'konformità*** mar-rekwiżiti stipulati fl-Anness I, II u III koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom.

Emenda

Il-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jkunu konformi jew li jkunu ġew ittestjati f'konformità mal-istandards armonizzati jew partijiet minnhom li ***r-referenzi*** għalihom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom jitqiesu li ***jkunu konformi*** mar-rekwiżiti ***rispettivi*** stipulati fl-Anness I, II u III koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom.

Emenda 62

**Proposta għal regolament
Artikolu 13 - paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni, li l-konformità magħhom għandha tiżgura konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-Annessi I, II u III koperti minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet jew partijiet minnhom. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(3).

Emenda

Meta rekwiżit stabbilit fl-Annessi I, II jew III ma jkunx kopert minn standards armonizzati jew partijiet minnhom li r-referenzi għalihom ikunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u meta, b'segwitu għal talba lil organizzazzjoni jew organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jabbozzaw standards armonizzati għal dak ir-rekwiżit, il-Kummissjoni tosserva dewmien bla bżonn fl-adozzjoni ta' dak l-istandard, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet komuni għal dak ir-rekwiżit. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(3).

Emenda 63

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. It-tikketta CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx **mad-dokumenti akkumpanjanti u**, fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi fornut **f'forma ta' pakkett, mal-imballaġġ.**

Emenda

1. It-tikketta CE għandha titwaħħal b'mod viżibbli, leġibbli u li ma jitħassarx **mal-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE** jew, fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi fornut **mingħajr imballaġġ, mad-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.**

Emenda 64

**Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

It-tikketta CE għandha tiġi segwita min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat ***involut fil-valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Anness IV, il-Modulu D1.***

Emenda

It-tikketta CE għandha tiġi segwita min-numru ta' identifikazzjoni tal-korp innotifikat, ***meta dan ikun rikjest mill-Anness IV.***

Emenda 65

**Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE li jkun ***għadda minn operazzjoni ta' rkupru u jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament*** għandu jiġi kkunsidrat li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98/KE u għandu, għalhekk, jitqies li ma għadux skart.

Emenda

Meta materjal li kien skart ikun għadda minn operazzjoni ta' rkupru u prodott fertilizzanti bit-tikketta CE li jkun ***konformi ma' dan ir-Regolament ikun fih jew ikun magħmul minn dak il-materjal, il-materjal*** għandu jiġi kkunsidrat li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98/KE u għandu, għalhekk, jitqies li ma għadux skart ***mill-mument meta titfassal id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.***

Emenda 66

**Proposta għal regolament
Artikolu 30 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

2. ***L-Istat Membru*** notifikanti ***għandu jipprovdi*** lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew iż-żamma tal-kompetenza tal-korp innotifikat ikkonċernat.

Emenda

2. ***L-awtoritajiet*** notifikanti ***għandhom jipprovdu*** lill-Kummissjoni, fuq talba, bl-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew iż-żamma tal-kompetenza tal-korp innotifikat ikkonċernat.

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Meta korp innotifikat isib li r-rekwiżiti stipulati fl-Anness I, l-Anness II, jew l-Anness III, jew **standards** armonizzati korrispondenti, **speċifikazzjonijiet** komuni msemmija fl-Artikolu 13 **jew speċifikazzjonijiet tekniċi oħrajn**, ma jkunux intlaħqu minn manifattur, dan għandu **jitlob lill-manifattur** jieħu l-miżuri korrettivi xierqa u ma għandux joħroġ ċertifikat.

Emenda

3. Meta korp innotifikat isib li r-rekwiżiti stipulati fl-Anness I, l-Anness II, jew l-Anness III, jew **l-istandards** armonizzati korrispondenti, **jew l-ispeċifikazzjonijiet** komuni msemmija fl-Artikolu 13, ma jkunux intlaħqu minn manifattur, dan għandu **jirrikjedi li l-manifattur** jieħu l-miżuri korrettivi xierqa u ma għandux joħroġ ċertifikat **ta' konformità jew deċiżjoni ta' approvazzjoni**.

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fejn, waqt il-monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat, korp innotifikat isib li prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ma jkunx għadu konformi, għandu **jitlob lill-manifattur biex** jieħu l-miżuri korrettivi xierqa u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat jekk dan ikun neċessarju.

Emenda

4. Fejn, waqt il-monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat **jew deċiżjoni ta' approvazzjoni**, korp innotifikat isib li prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ma jkunx għadu konformi, għandu **jirrikjedi li l-manifattur** jieħu l-miżuri korrettivi xierqa u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat **jew id-deċiżjoni ta' approvazzjoni** jekk dan ikun neċessarju.

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Fejn ma jittiħdux miżuri korrettivi jew fejn dawn ma jkollhomx l-effett meħtieġ, il-korp innotifikat għandu jillimita, jissospendi jew jirtira kull ċertifikat, kif xieraq.

Emenda

5. Fejn ma jittiħdux miżuri korrettivi jew fejn dawn ma jkollhomx l-effett meħtieġ ***u għaldaqstant prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jibqa' mhux konformi mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament***, il-korp innotifikat għandu jillimita, jissospendi jew jirtira kull ċertifikat ***jew deċiżjoni ta' approvazzjoni***, kif xieraq.

Emenda 70

Proposta għal regolament
Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) kwalunkwe rifjut, ***restrizzjoni***, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat;

Emenda

(a) kwalunkwe rifjut, ***limitazzjoni***, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat ***jew deċiżjoni ta' approvazzjoni***;

Emenda 71

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Proċedura għat-trattament tal-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jippreżentaw riskju ***fil-livell nazzjonali***

Emenda

Proċedura ***fil-livell nazzjonali*** għat-trattament tal-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE li jippreżentaw riskju

Emenda 72

Proposta għal regolament
Artikolu 37 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jippreżenta riskju **inaċċettabbli** għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, dawn għandhom iwettqu evalwazzjoni b'rabta mal-prodott fertilizzanti ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stipulati f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw skont kif ikun meħtieġ mal-awtoritajiet **tas-sorveljanza** tas-suq għal dak il-għan.

Emenda

Meta l-awtoritajiet ta' sorveljanza **tas-suq** ta' Stat Membru wieħed ikollhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent **jew għall-aspetti l-oħra relatati mal-protezzjoni tal-interess pubbliku koperti minn dan ir-Regolament**, dawn għandhom iwettqu evalwazzjoni b'rabta mal-prodott fertilizzanti ikkonċernat li tkopri r-rekwiżiti rilevanti kollha stipulati f'dan ir-Regolament. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw skont kif ikun meħtieġ mal-awtoritajiet **ta' sorveljanza** tas-suq għal dak il-għan.

(Din l-emenda tkopri wkoll emenda orizzontali dwar it-terminu "riskju inaċċettabbli" (fil-plural jew fis-singular) li qed jinbidel għal "riskju" (fis-singular); l-adozzjoni tagħha se tirrikjedi t-tibdil korrispondenti ta' dawn it-termini fit-test kollu kemm hu u, konsegwentement, fl-emendi adottati).

Emenda 73

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Fejn, matul l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott fertilizzanti **immarkat** CE ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, mingħajr dewmien għandhom jitolbu lill-operatur ekonomiku jieħu l-azzjonijiet korrettivi xierqa kollha **fi żmien perjodu raġonevoli sabiex** iġib il-prodott fertilizzanti **f'konformità** ma' daww ir-rekwiżiti, biex jirtira l-prodott fertilizzanti mis-suq, biex isejħu lura, **jew** ineħħi t-tikketta CE.

Emenda

Fejn, matul l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott fertilizzanti **mmarkat** CE ma jikkonformax mar-rekwiżiti stipulati f'dan ir-Regolament, mingħajr dewmien għandhom jitolbu lill-operatur ekonomiku jieħu l-azzjonijiet korrettivi xierqa kollha **biex** iġib il-prodott fertilizzanti **konformi** ma' daww ir-rekwiżiti, biex jirtira l-prodott fertilizzanti mis-suq **jew** biex isejħu lura **sa żmien raġonevoli li huma jistgħu jippreskrivu b'mod proporzjonat għan-natura tar-**

riskju, u biex ineħħi t-tikketta CE.

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-operatur ekonomiku rilevanti ma jiħux azzjoni korrettiva adegwata fi żmien il-perjodu msemmi fit-tieni **sottoparagrafu** tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE milli **jsir disponibbli** fis-suq nazzjonali tagħhom, biex jirtiraw il-prodott fertilizzanti minn dak is-suq jew biex isejħuh lura.

Emenda

Meta l-operatur ekonomiku rilevanti ma jiħux azzjoni korrettiva adegwata fi żmien il-perjodu msemmi fit-tieni **subparagrafu** tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jirrestrinġu l-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE milli **jitqiegħed** fis-suq nazzjonali tagħhom, biex jirtiraw il-prodott fertilizzanti minn dak is-suq jew biex isejħuh lura. **L-obbligi tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq f'dan ir-rigward għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibilità li l-Istati Membri jirregolaw il-prodotti fertilizzanti li ma jkollhomx it-tikketta CE meta jitqiegħdu fis-suq.**

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 12 **li jikkonferixxu preżunzjoni tal-konformità.**

Emenda

(b) nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 12;

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 37 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fl-Artikolu 13.

Emenda 77

Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Meta jiġi kkunsidrat li l-miżura nazzjonali hija ġġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jiġi attribwit għan-nuqqasijiet fl-ispeċifikazzjonijiet komuni msemmija fil-punt (ba) tal-Artikolu 37(5), il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tadotta atti ta' implimentazzjoni li jemendaw jew iħassru l-ispeċifikazzjoni komuni kkonċernata. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 41(3).

Emenda 78

Proposta għal regolament Artikolu 39 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fejn, wara li **tkun saret** evalwazzjoni skont l-Artikolu 37(1), Stat Membru jsib li għalkemm prodott fertilizzanti bit-tikketta CE **ikun** konformi ma' dan **ir-Regolament** xorta jippreżenta riskju **inaċċettabbli** għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, dan għandu jitlob lill-operatur ekonomiku rilevanti **sabiex** jieħu l-miżuri xierqa kollha fi żmien **perjodu raġonevoli** sabiex jiżgura li l-prodott fertilizzanti kkonċernat, meta jitqiegħed fis-suq, ma jibqax jippreżenta dak ir-riskju, biex jirtira l-prodott fertilizzanti mis-suq jew biex isejħu lura.

1. Fejn, wara li **jkun wettaq** evalwazzjoni skont l-Artikolu 37(1), Stat Membru jsib li għalkemm prodott fertilizzanti bit-tikketta CE **jkun** konformi ma' dan **ir-Regolament**, xorta jippreżenta riskju għas-saħħa tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, **jew għall-aspetti l-oħra relatati mal-protezzjoni tal-interess pubbliku koperti minn dan ir-Regolament**, dan għandu **mingħajr dewmien** jitlob lill-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha fi żmien **raġonevoli li tippreskrivi l-awtorità tas-sorveljanza tas-suq u li jkun proporzjonat għan-natura tar-riskju** sabiex jiżgura li l-prodott

fertilizzanti konċernat, meta jitqiegħed fis-suq, ma jibqax jippreżenta dak ir-riskju, biex jirtira l-prodott fertilizzanti mis-suq jew biex isejġu lura.

Emenda 79

Proposta għal regolament Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma **takkumpanjax il-prodott fertilizzant bit-tikketta CE**;

Emenda

(c) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma **tkunx tfasslet**;

Emenda 80

Proposta għal regolament Artikolu 42 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni **għandu jkollha** s-setgħa li tadotta atti delegati **f'konformità mal-Artikolu 43** biex temenda l-Annessi I sa IV **għall-finijiet li jiġu adattati** għall-progress tekniku u **jiġi ffaċilitat** l-aċċess għas-suq intern u l-moviment liberu **għal prodotti** fertilizzanti bit-tikketta CE

(a) li **għandhom il-probabbiltà** li jkunu suġġetti għal kummerċ sinifikanti fis-suq intern, u

(b) li għalihom hemm evidenza xjentifika li ma jippreżentawx **xi** riskju

Emenda

1. Il-Kummissjoni **għandha** s-setgħa li tadotta atti delegati **skont l-Artikolu 43** biex temenda l-Annessi I sa IV **bl-għan** li **tadattahom** għall-progress tekniku, **filwaqt li tqis il-prodotti u l-materjali li diġà jkunu ġew awtorizzati fl-Istati Membri, u b'mod partikolari fl-oqsma tal-produzzjoni ta' prodotti fertilizzanti minn prodotti sekondarji mill-annimali u mill-irkupru ta' skart u bl-għan li tiffaċilita** l-aċċess għas-suq intern u l-moviment liberu **għall-prodotti** fertilizzanti bit-tikketta CE:

(a) li **jkollhom il-potenzjal** li jkunu suġġetti għal kummerċ sinifikanti fis-suq intern, u

(b) li għalihom hemm evidenza xjentifika li ma jippreżentawx riskju għas-

inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem, l-annimali jew il-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u li huma effettivi *b'mod suffiċjenti*.

saħħa tal-bniedem, l-annimali jew il-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u li huma effettivi *biżżejjed*.

Emenda 81

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Mingħajr dewmien indebitu wara... [data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont il-paragrafu 1 sabiex temenda l-kategoriji tal-materjali komponenti stipulati fl-Anness II biex iżżid, b'mod partikolari, il-prodotti sekondarji mill-annimali li fir-rigward tagħhom ikun ġie stabbilit il-punt aħħari, l-istruvite, il-faħam bijoloġiku u l-prodotti derivati mill-irmied f'dawk il-kategoriji tal-materjali komponenti, kif ukoll sabiex tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-inklużjoni ta' dawk il-prodotti f'dawk il-kategoriji. Meta tadotta dawk l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tqis speċifikament il-progress teknoloġiku li jkun sar fl-irkupru tan-nutrijenti.

Emenda 345
Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 43 sabiex tiġi estiża d-data tad-dħul fis-seħħ tal-limitu ta' 20mg/kg

msemmi fl-Anness I, parti II, PFC1(B), punt 3, punt (a), punt 2 u l-Anness I, parti II, PFC1(C)I, punt 2, punt (a), punt 2, jekk, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt dettaljata, jkollha evidenza li tqis li l-introduzzjoni ta' limitu aktar strett tipperikolu b'mod gravi l-provvista ta' prodotti fertilizzanti lill-Unjoni.

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 42 - paragrafu 2 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Fejn il-Kummissjoni temenda l-Anness II sabiex iżżid mikroorganiżmi ġodda fil-kategorija ***ta' materjali komponenti għal organiżmi*** bħal dawn ***skont il-paragrafu 1, għandha tagħmel dan*** abbażi ***tad-dejta*** li ġejja:

Emenda

2. Fejn il-Kummissjoni temenda l-Anness II sabiex iżżid mikroorganiżmi ġodda fil-kategorija ***tal-materjal komponent għall-organiżmi*** bħal dawn, għandha tagħmel dan ***wara li tivverifika li r-razez kollha tal-mikroorganiżmu addizzjonali jikkonformaw mar-rekwiżiti fil-punt (b) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu***, abbażi ***tad-data*** li ġejja:

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) ***isem*** tal-mikroorganiżmu;

Emenda

(a) ***l-isem*** tal-mikroorganiżmu ***fil-livell tar-razza***;

Emenda 84

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) **dejta storika tal-produzzjoni** u l-użu sikuri tal-mikroorganiżmu;

Emenda

(c) **il-letteratura xjentifika li tirrapporta dwar il-produzzjoni** u l-użu sikuri tal-mikroorganiżmu;

Emenda 85

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) **relazzjoni** tassonomika **ma' speċijiet** ta' mikroorganiżmi li jissodisfaw ir-rewkiżiti għal Preżunzjoni **Kwalifikata tas-Sikurezza** kif **inhu stabbilit mill-Aġenzija** Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel;

Emenda

(d) **ir-relazzjoni** tassonomika **mal-ispeċijiet** ta' mikroorganiżmi li jissodisfaw ir-rewkiżiti għal Preżunzjoni **ta' Sikurezza Kwalifikata** kif **tkun ġiet stabbilita mill-Awtorità** Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, **jew riferiment ta' konformità ddikjarata mal-istandards armonizzati rilevanti dwar is-sikurezza tal-mikroorganiżmi użati li jkunu ġew ippubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, jew il-konformità mar-rekwiżiti għall-evalwazzjoni ta' sikurezza tal-mikroorganiżmi kif ikunu ġew adottati mill-Kummissjoni, jekk ma jkunux ġew stabbiliti standards armonizzati ta' dan it-tip;**

Emenda 86

Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Biex jiġi rifless il-progress teknoloġiku rapidu f'dak il-qasam, il-Kummissjoni għandha sa... [sena wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 43

*biex tiddefinixxi l-kriterji għall-
evalwazzjoni tal-mikroorganiżmi li jistgħu
jintużaw fil-prodotti għan-nutrizzjoni tal-
pjanti mingħajr ma jiġu iskritti
nominalment f'lista pożittiva.*

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*Sa.... [sitt xhur wara d-data ta' dħul fis-
seħħ ta' dan ir-Regolament], il-
Kummissjoni għandha tadotta atti
delegati f'konformità mal-Artikolu 43
sabiex temenda l-Anness II sabiex
iddaħħal il-punti aħħarin fil-katina tal-
manifattura li jkunu ġew iddeterminati bi
qbil mat-tieni subparagrafu tal-
Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE)
Nru 1069/2009, fir-rigward tal-prodotti
sekondarji mill-annimali elenkati fil-
kategorija tal-materjal komponent 11 tal-
Anness II.*

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 42 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*3a. Meta tkun qed tadotta atti delegati
msemmija f'paragrafu 1, il-Kummissjoni
għandha temenda l-kategorija tal-
materjal komponent li tistabbilixxi r-
rekwiżit għall-polimeri minbarra l-
polimeri nutrijenti fl-Anness II b'mod li
tirrifletti l-aktar evidenza xjentifika u*

*żviluppi teknoloġiċi riċenti, u għanda sa...
[tliet snin wara d-data ta' applikazzjoni ta'
dan ir-Regolament] tiddefinixxi l-kriterji
għall-konverżjoni tal-karbonju polimeriku
li jkun irid jiġi ttrasformat f'diossidu tal-
karbonju (CO₂) u metodu ta' ttestjar
rispettiv għall-bijodegradazzjoni.*

Emenda 89

**Proposta għal regolament
Artikolu 42 – paragrafu 3b (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*3b. Meta tkun qed tadotta atti delegati
msemmija f'paragrafu 1, il-Kummissjoni
għandha temenda l-kategorija tal-
materjal komponent li tistabbilixxi r-
rekwiżit għall-prodotti sekondarji tal-
industrija fl-Anness II b'mod li tirrifletti
l-prattiki għall-manifattura tal-prodotti u
l-iżvilupp teknoloġiku attwali kif ukoll l-
aktar evidenza xjentifika riċenti, u
għanda sa... [sena wara d-data ta' dħul
fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]
tiddefinixxi l-kriterji biex il-prodotti
sekondarji industrijali jiġu inklużi fil-
kategorija tal-materjal komponent.*

Emenda 91

**Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 3a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*3a. Qabel ma tadotta att delegat, il-
Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-
esperti ddeżinjati minn kull Stat Membru
bi qbil mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim
Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016
dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.*

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 44 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien, jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, dwar kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li r-regoli tagħhom dwar il-penali jiġu infurzati.***

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 45 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)

Regolament (KE) Nru 1069/2009

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(1a) fil-paragrafu 2, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej wara l-ewwel subparagrafu:

"Għall-prodotti derivati li jaqgħu fl-ambitu tal-Artikolu 32 u li diġà jintużaw b'mod estensiv fl-Istati Membri għall-produzzjoni ta' fertilizzanti, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi tali punt aħħari sa... [sitt xhur wara d-data ta' dħul fis-seħħ tar-Regolament dwar il-

Emenda 94

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Artikolu 3 – punt 34 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(3) "34. "bijostimulant tal-pjanti" tfisser prodott li ***jistimola l-proċess*** ta' nutrizzjoni ta' pjanta independentament mill-kontenut tan-nutrijenti ***tal-prodott***, bl-għan esklużiv li titjeb karatteristika waħda jew aktar tal-pjanta:

Emenda

“34. "bijostimulant tal-pjanti" tfisser prodott li ***jkun fih kwalunkwe sustanza jew mikroorganiżmu li jistimolaw il-proċess*** ta' nutrizzjoni ta' pjanta independentament mill-kontenut tan-nutrijenti ***tagħha, jew kwalunkwe kombinazzjoni ta' tali sustanzi u/jew mikroorganiżmi***, bl-għan esklużiv li titjeb karatteristika waħda jew aktar tal-pjanta ***jew tar-riżosfera tal-pjanta***:

Emenda 95

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Artikolu 3 – punt 34 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ***xejriet tal-kwalità*** tal-ghelejje.

Emenda

(c) ***il-kwalità*** tal-ghelejje.

Emenda 96

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Artikolu 3 – punt 34 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(ca) id-disponibbiltà tan-nutrijenti
maqbuda fil-ħamrija jew fir-riżosfera;**

Emenda 97

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Artikolu 3 – punt 34 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**(cb) id-degradazzjoni tal-
kompożizzjonijiet organiċi fil-ħamrija;**

Emenda 98

**Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1 – punt 2**

Regolament (KE) Nru 1107/2009

Artikolu 3 – punt 34 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) l-umifikazzjoni

Emenda 99

**Proposta għal regolament
Artikolu 48 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Dispożizzjonijiet tranżitorji

Emenda

Dispożizzjonijiet tranżitorji, ***rapportar u rieżami***

Emenda 100

**Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu ***t-tpoġġija għad-dispożizzjoni*** fis-suq ta' prodotti li ***tqiegħdu*** fis-suq bħala fertilizzanti ***deżinjati*** "fertilizzant tal-KE" f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 qabel ***[Uffiċċju tal-pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data*** ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, il-Kapitolu 5 għandu japplika mutatis mutandis għal prodotti bħal dawn.

Emenda

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu ***t-tqegħid*** fis-suq ta' prodotti li ***jkunu ġew introdotti*** fis-suq bħala fertilizzanti ***ddeżinjati*** "fertilizzant tal-KE" f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 qabel ***[tnax-il xhar wara d-data*** ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]. Madankollu, il-Kapitolu 5 għandu japplika ***mutatis mutandis*** għal prodotti bħal dawn.

Emenda 101

**Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri li diġà implimentaw limitu aktar baxx għall-kontenut ta' kadmju (Cd) fil-fertilizzanti organominerali u fil-fertilizzanti inorganiċi stabbilit fil-kategoriji funzjonali tal-prodotti 1 (B)(3)(a), u 1 (C)(I)(2)(a) tal-Parti II tal-Anness I jistgħu jżommu dak il-limitu aktar strett

sakemm il-limitu stabbilit skont dan ir-Regolament ikun indaqs jew iktar baxx. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw tali miżuri nazzjonali eżistenti lill-Kummissjoni sa ... [sitt xhur wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 102

Proposta għal regolament Artikolu 48 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Sa... [42 xahar wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li jivvaluta l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u l-impatt kumplessiv tiegħu fir-rigward tal-ilħuq tal-għanijiet tiegħu, inkluż l-impatt fuq l-impriżi ta' daqs żgħir u medju. Dak ir-rapport għandu b'mod partikolari jinkludi:

(a) valutazzjoni tal-funzjonament tas-suq intern għall-prodotti fertilizzanti, inklużi l-valutazzjoni tal-konformità u l-effikaċja tas-sorveljanza tas-suq, analiżi tal-effetti ta' armonizzazzjoni parzjali fuq il-produzzjoni, it-tendenzi tal-użu u l-flussi kummerċjali tal-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE u l-prodotti fertilizzanti li jitqiegħdu fis-suq skont ir-regoli nazzjonali;

(b) valutazzjoni tal-applikazzjoni ta' restrizzjonijiet fuq il-livelli tal-kontaminanti kif stabbilit fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, kull informazzjoni xjentifika rilevanti ġdida rigward it-tossiċità u l-karċinoġeniċità tal-kontaminanti jekk issir disponibbli, inklużi r-riskji ta' kontaminazzjoni mill-uranju fil-prodott fertilizzanti;

(c) valutazzjoni tal-iżviluppi fit-teknoloġiji ta' dekadmjażjoni u l-impatt,

l-iskala u l-ispejjeż tagħhom tul il-katina tal-valur, kif ukoll il-ġestjoni tal-iskart tal-kadmju relatat; u

(d) valutazzjoni tal-impatti fuq il-kummerċ fil-ksib ta' materja prima, inkluża d-disponibbiltà ta' blat fosfatiku.

Ir-rapport għandu jqis kif dovut il-progress u l-innovazzjoni teknoloġiċi kif ukoll il-proċessi ta' standardizzazzjoni li jaffettwaw il-produzzjoni u l-użu tal-prodotti fertilizzanti. Jekk ikun hemm bżonn, għandu jiġi akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva sa... [ħames snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament].

Sa... [12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tippreżenta evalwazzjoni tad-data xjentifika biex tistabbilixxi l-kriterji agronomiċi u ambjentali għad-definizzjoni ta' kriterji għall-punti aħħarin tad-demel tal-irziezet b'mod li tiġi kkwalifikata l-prestazzjoni tal-prodotti li jinkludu jew jikkonsistu f'demel tal-irziezet proċessat.

Emenda 103

**Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1c (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1c. Sa... [ħames snin wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq rieżami tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità tal-mikroorganiżmi.

Emenda 104

**Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Japplika *mill-1 ta' Jannar 2018.*

Huwa għandu japplika minn... [sentejn

wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 19 sa 35, li għandhom japplikaw minn... [sena wara d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u l-Artikoli 13, 41, 42, 43 u 45 li għandhom japplikaw minn... [id-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Emenda 105

Proposta għal regolament

Anness I – parti I – punt 1 – punt Ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ca. Fertilizzant b'livell baxx ta' karbonju

Emenda 106

Proposta għal regolament

Anness I – parti I – punt 5 – punt A – punt Ia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ia. Inibitur tad-denitrifikazzjoni

Emenda 107

Proposta għal regolament

Anness I - parti II – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE fih sustanza li għaliha jkunu ġew stabbiliti limiti massimi ta' residwi għall-ikel u għall-għalf f'konformità ma'

imħassar

(a) *Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 315/93*³²,

(b) *Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*³³,

(c) *Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*³⁴ jew

(d) *Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*³⁵,

l-użu tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE kif speċifikat fl-istruzzjonijiet tal-użu ma għandux iwassal għal qbiż ta' daww il-limiti fl-ikel jew l-għalf.

³² *Ir-Regolament (KEE) Nru 315/93 tal-Kunsill, tat-8 ta' Frar 1993, li jistabblixxi proċeduri tal-Komunità għall-kontaminanti fl-ikel (ĠU L 37, 13.2.1993, p. 1).*

³³ *Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE (ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1).*

³⁴ *Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabblixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11).*

³⁵ *Id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-*

għalf tal-annimali (ĠU L 140, 30.5.2002, p. 10).

Emenda 108

Proposta għal regolament
Anness I – parti II – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. L-ingredjenti sottomessi għall-approvazzjoni jew għall-approvazzjoni mill-ġdid skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 iżda li ma jkunux inklużi fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 ma għandhomx jintużaw fi prodotti fertilizzanti meta n-nuqqas ta' inklużjoni jkun dovut għall-paragrafu 4 tal-Artikolu 1, tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.

Emenda 109

Proposta għal regolament
Anness I – parti II – PFC 1(A) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fertilizzant organiku għandu jkollu

- karbonju (C) u
- nutrijenti

ta' oriġini unikament bijoloġika, li jeskludu *materjal* li *huwa fossilizzat* jew *inkorporat fil-formazzjonijiet* ġeoloġiċi.

1. Fertilizzant organiku għandu jkollu

- karbonju **organiku (Corg)** u
- nutrijenti

ta' oriġini unikament bijoloġika, **bħall-pit, inklużi l-leonardit, il-linjite u s-sustanzi miksuba minn dawn il-materjali, iżda** li jeskludu **materjali oħra** li **jkunu fossilizzati** jew **inkorporati f'formazzjonijiet** ġeoloġiċi.

Emenda 110

Proposta għal regolament
Anness I – parti II – PFC 1(A) – punt 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- Kadmju (Cd) **1,5** mg/kg materja niexfa,

Emenda

- Kadmju (Cd) **1,0** mg/kg materja niexfa,

Emenda 112

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A) – punt 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

- Bjuret ($C_2H_5N_3O_2$) **12 g/kg materja niexfa.**

Emenda

- Bjuret ($C_2H_5N_3O_2$) **taħt il-limitu ta' detezzjoni.**

Emenda 113

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A) – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. *Salmonella spp. ma għandhiex tkun preżenti f'kampjun ta' 25 g ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.*

Emenda

3. *Il-patoġeni ma jridux ikunu preżenti fil-fertilizzant organiku f'konċentrazzjoni ta' aktar mil-limiti rispettivi indikati fit-tabella ta' hawn taħt:*

<i>Il-mikroorganiżmu li se jiġi ttestjat</i>	<i>Il-pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni</i>			<i>Il-limiti</i>
	<i>n</i>	<i>c</i>	<i>m</i>	<i>M</i>
<i>Salmonella spp</i>	5	0	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Escherichia coli jew Enterococcaceae</i>	5	5	0	<i>1 000 fi 1 g jew 1 ml</i>

fejn n = l-għadd ta' kampjuni għall-ittestjar

c = l-għadd ta' kampjuni fejn l-għadd ta' batterji espress f'CFU (unitajiet li jistgħu jiffirmaw kolonja) jista' jkun bejn m u M

m = il-valur ta' limitu minimu għall-għadd ta' batterji espress f'CFU li huwa kkunsidrat

sodisfaċenti

M = il-valur massimu tal-għadd ta' batterji espress f'CFU

Il-parassiti Ascaris spp. u Toxocara spp., fl-istadji kollha tal-iżvilupp tagħhom, ma jridux ikunu preżenti f'100 g jew 100 ml tal-fertilizzant organiku.

Emenda 114

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A)(I) – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih tal-inqas wieħed min-nutrijenti dikjarati li ġejjin: nitroġenu (N), pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) jew ossidu tal-potassju (K_2O).

Emenda 115

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A) (I) - punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun fih aktar minn nutrijent wieħed, il-prodott għandu jkun fih in-nutrijenti dikjarati primarji fil-kwantitajiet minimi stipulati hawn taħt: □

2,5 % tal-massa ta' nitroġenu (N) totali, jew 2 % tal-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali, jew 2% tal-massa ta' ossidu tal-potassju (K_2O) totali, u

6,5 % tal-massa tas-somma totali tan-nutrijenti.

Emenda 116

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A)(II) – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih tal-inqas wieħed min-nutrijenti dikjarati li ġejjin: nitroġenu (N), pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) jew ossidu tal-potassju (K₂O).

Emenda 117

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A) (II) – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih mill-inqas wieħed min-nutrijiet dikjarati li ġejjin fil-kwantitajiet minimi **mistqarra**:

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih mill-inqas wieħed min-nutrijiet **primarji** dikjarati li ġejjin fil-kwantitajiet minimi **stipulati**:

Emenda 118

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A) (II) – punt 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- **2% skont il-massa** ta' nitroġenu (N) totali,

- **1 % tal-massa** ta' nitroġenu (N) totali, **u/jew**

Emenda 119

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A) (II) – punt 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **1% skont il-massa** ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) totali, jew

– **2 % tal-massa** ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) totali, jew

Emenda 120

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A)(II) – punt 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

- 2 % **skont il-massa** ta' ossidu tal-potassju (K_2O) totali.

Emenda

- 1 % **tal-massa** ta' ossidu tal-potassju (K_2O) totali. **u**

Emenda 121

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A)(II) – punt 2 – inċiż 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 6,5 % **tal-massa tas-somma totali tan-nutrijenti.**

Emenda 122

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(A)(II) – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun fih aktar minn nutrijent wieħed, il-prodott għandu jkun fih in-nutrijenti primarji dikjarati fil-kwantitajiet minimi stipulati hawn taħt: □

2% tal-massa ta' nitroġenu (N) totali, jew 1% tal-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali, jew 2% tal-massa ta' ossidu tal-potassju (K_2O) totali, u

5 % tal-massa tas-somma totali tan-nutrijenti.

Emenda 123

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(B) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fertilizzant organominerali għandu

1. Fertilizzant organominerali għandu

jkun koformolazzjoni ta'

- Fertilizzant **inorganiku** wieħed jew iktar, kif speċifikat fil-PFC 1(C) hawn taħt, u
- materjal li jkun **fih** karbonju organiku (**C**) u
- nutrijenti ta' oriġini unikament bijoloġika, li jeskludu **materjal** li **huwa fossilizzat** jew **inkorporat fil-formazzjonijiet** ġeoloġiċi.

jkun koformolazzjoni ta'

- fertilizzant **minerali** wieħed jew iktar, kif speċifikat fil-PFC 1(C) hawn taħt, u
- materjal **wieħed jew aktar** li jkun **fihom** karbonju organiku (**Corg**) u
- nutrijenti ta' oriġini unikament bijoloġika, **bħall-pit, inklużi l-leonardit, il-linjite u s-sustanzi miksuba minn dawn il-materjali, iżda** li jeskludu **materjali oħra** li **jkunu fossilizzati** jew **inkorporati f'formazzjonijiet** ġeoloġiċi.

Emenda 343

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(B) – punt 3 – punt a – punt 2 – inċiżi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni

- Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri **tlit** snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]: 40 mg/kg pentossidu tal-fosforu (P₂O₅), u
- Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri **tnax-il** sena wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]: 20 mg/kg pentossidu tal-fosforu (P₂O₅),

Emenda

- Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri **sitt** snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]: 40 mg/kg pentossidu tal-fosforu (P₂O₅), u
- Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri **sittax-il** sena wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]: 20 mg/kg pentossidu tal-fosforu (P₂O₅),

Emenda 126

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(B) – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. *Salmonella spp. ma għandhiex tkun preżenti f'kampjun ta' 25 g ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.*

Emenda

4. *Il-patoġeni ma jridux ikunu preżenti fil-fertilizzanti organominerali f'konċentrazzjoni ta' aktar mil-limiti rispettivi indikati fit-tabella ta' hawn taħt:*

<i>Il-mikroorganiżmu li se jiġi ttestjat</i>	<i>Il-pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni</i>			<i>Il-limiti</i>
	<i>n</i>	<i>c</i>	<i>m</i>	<i>M</i>
<i>Salmonella spp</i>	5	0	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Escherichia coli</i> jew <i>Enterococcaceae</i>	5	5	0	<i>1 000 fi 1 g jew 1 ml</i>

fejn n = għadd ta' kampjuni għall-ittestjar

c = għadd ta' kampjuni fejn l-għadd ta' batterji espress f'CFU (unitajiet li jistgħu jifformaw kolonja) jista' jkun bejn m u M

m = il-valur ta' limitu minimu għall-għadd ta' batterji espress f'CFU li huwa kkunsidrat sodisfaċenti

M = il-valur massimu tal-għadd ta' batterji espress f'CFU

Il-parassiti Ascaris spp. u Toxocara spp., fl-istadji kollha tal-iżvilupp tagħhom, ma jridux ikunu preżenti f'100 g jew 100 ml tal-fertilizzant organominerali.

Emenda 127

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(B)(I) – punt 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- 2 % *skont il-massa* ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) *totali*, jew

Emenda

- 1 % *tal-massa* ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) *solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u l-ilma*, jew

Emenda 128

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(B) (I) - punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. *Fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun fih aktar minn nutrijent wieħed, il-prodott għandu jkun fih in-nutrijenti primarji dikjarati fil-*

kwantitajiet minimi stipulati hawn taħt:

*2,5% tal-massa ta' nitroġenu (N) totali, li
1 % tal-massa ta' dak il-prodott
fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun
nitroġenu organiku (N), jew 2% tal-massa
ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) totali,
jew 2% tal-massa ta' ossidu tal-potassju
(K₂O) totali, u*

*6,5 % tal-massa tas-somma totali tan-
nutrijenti.*

Emenda 129

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(B)(I) – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Fil-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, kull unità għandu ***jkollha l-materja organika*** u n-nutrijenti fil-kontenut dikjarat tagħhom.

Emenda

4. Fil-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, kull unità għandu ***jkun fiha l-karbonju organiku*** u n-nutrijenti ***kollha*** fil-kontenut dikjarat tagħhom. ***Unità tirreferi għal wieħed mill-elementi komponenti tal-prodott bħalma huma l-bçejjec żgħar, il-gerbub, eċċ.***

Emenda 130

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(B)(II) – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Meta l-prodott ikun fih aktar minn nutrijent wieħed, għandhom ikunu preżenti l-kwantitajiet minimi li ġejjin:

– 1 % tal-massa ta' nitroġenu (N) totali, jew

– 1 % tal-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) totali, jew

– 1 % tal-massa ta' ossidu tal-potassju (K₂O) totali.

u meta s-somma tan-nutrijenti tkun minn

tal-inqas 4 %.

Emenda 131

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(B)(II) – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-karbonju organiku (C) għandu jkun preżenti fil-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE b'tal-inqas **3% skont il-massa**.

Emenda

3. Il-karbonju organiku (C) għandu jkun preżenti fil-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE b'tal-inqas **1 % tal-massa**.

Emenda 132

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fertilizzant ***inorganiku*** għandu jkun ***fertilizzanti barra minn fertilizzant organiku jew organominerali***.

Emenda

1. Fertilizzant ***minerali*** għandu jkun ***fertilizzant li jkun fih nutrijenti f'forma minerali jew ipproċessati f'forma minerali li joriġinaw mill-annimali jew mill-pjanti. Il-karbonju organiku (Corg) fil-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ma għandux jaqbeż il-1 % tal-massa. Dan jeskludi l-karbonju li joriġina minn kisjiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kategoriji tal-materjali komponenti 9 u 10 u l-addittivi agronomiċi li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kategorija funzjonali tal-prodott 5 u l-kategorija tal-materjal komponent 8.***

Emenda 133

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C) – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-fertilizzanti fosforiċi jridu jissodisfaw tal-inqas wieħed mil-livelli ta' solubbiltà minimu li ġejjin biex ikunu disponibbli għall-pjanti, inkella ma jistax jiġi ddikjarat li huma fertilizzanti

fosforiċi:

- *Solubbiltà fl-ilma: livell minimu ta' 40 % tal-P totali, jew*
- *Solubbiltà fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali: livell minimu ta' 75 % tal-P totali, jew*
- *Solubbiltà fl-aċidu formiku (għall-fosfat mill-blat artab biss): livell minimu ta' 55 % tal-P totali.*

Emenda 134

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C) – punt 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1b. Il-kontenut tan-nitroġenu totali li jrid jiġi ddikjarat jinstab bis-somma tan-N ammonijaku, in-N nitriku, in-N ureiku, in-N mill-urea tal-metilin, in-N mill-isobutilidendjura, in-N mill-krotonilidendjura. Il-kontenut tal-fosfru li jrid jiġi ddikjarat jinstab mill-forma tal-P fosfatiku. Bi qbil mal-Artikolu 42(1), jistgħu jiżdiedu forom ġodda wara eżaminazzjoni xjentifika.

Emenda 135

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Fertilizzant **inorganiku** bil-makronutrijenti għandu jkun immirat **li** jipprovdi **l-pjanti** b'wieħed jew iktar mill-makronutrijenti li ġejjin: nitroġenu (N), fosforu (P), potassju (K), manjeżju (Mg), kalċju (Ca), kubrit (S) jew sodju (Na).

1. Fertilizzant **minerali** bil-makronutrijenti għandu jkun immirat **biex** jipprovdi **lill-pjanti** b'wieħed jew iktar mill-makronutrijenti li ġejjin:

(a) Primarji: nitroġenu (N), fosforu (P) u potassju (K).

(b) Sekondarji: manjeżju (Mg), kalċju

(Ca), kubrit (S) jew sodju (Na).

Emenda 344

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I) – punt 2 – punt a – punt 2 – inċiżi 2 u 3

Test propost mill-Kummissjoni

- Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri ***tljet*** snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]: 40 mg/kg pentossidu tal-fosforu (P₂O₅),
- Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri ***tnax-il*** sena wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]: 20 mg/kg pentossidu tal-fosforu (P₂O₅),

Emenda

- Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri ***sitt*** snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]: 40 mg/kg pentossidu tal-fosforu (P₂O₅),
- Minn [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri ***sittax-il*** sena wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]: 20 mg/kg pentossidu tal-fosforu (P₂O₅),

Emenda 139

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. ***Fertilizzant inorganiku*** ta' makronutrijenti solidi sempliċi għandu jkollu kontenut ***dikjarat*** ta' ***mhux iktar minn nutrijent wieħed***.

Emenda

1. Fertilizzant ***minerali*** ta' makronutrijenti solidi sempliċi għandu jkollu kontenut ta':

(a) mhux aktar minn nutrijent ***primarju*** wieħed (***nitroġenu (N)***), ***fosforu (P)***, ***potassju (K)***), jew

Emenda 140

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i) – punt 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) mhux aktar minn nutrijent sekondarju wieħed (manjeżju (Mg), kalċju (Ca), kubrit (S) u sodju (Na)).

Emenda 141

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i) – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Fertilizzant minerali ta' makronutrijenti solidu sempliċi b'kontenut dikjarat ta' mhux iktar minn nutrijent primarju wieħed, jista' jkun fih nutrijent sekondarju wieħed jew aktar.

Emenda 142

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i) – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih **mill-inqas wieħed min-nutrijenti** dikjarati **li ġejjin** fil-kwantità minima mistqarra:

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih **nutrijenti** dikjarati **primarji u/jew sekondarji** fil-kwantità minima mistqarra:

Emenda 143

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i) – punt 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– 12% skont il-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) **totali**,

– 12 % skont il-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) **solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma**,

Emenda 144

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i) – punt 2 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

- 1 % skont il-massa ta' ossidu tas-sodju (Na₂O) totali.

Emenda

- 3 % skont il-massa ta' ossidu tas-sodju (Na₂O) totali.

Emenda 145

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fertilizzant **inorganiku** ta' makronutrijenti solidi komposti għandu jkollu kontenut dikjarat ta' iktar minn nutrijent wieħed.

Emenda

1. Fertilizzant **minerali** ta' makronutrijenti solidi komposti għandu jkollu kontenut dikjarat ta' iktar minn nutrijent **primarju u/jew sekondarju** wieħed.

Emenda 146

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i) – punt 2 – parti introdutturja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih iktar minn wieħed min-nutrijenti **dikjarati li ġejjin** fil-kwantitajiet minimi **mistqarra**:

Emenda

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih iktar minn wieħed min-nutrijenti **primarji u/jew sekondarji dikjarati** fil-kwantitajiet minimi **stipulati**:

Emenda 147

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(ii) – punt 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– 3% skont il-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali,

– 5 % ***tal***-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali, ***solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma***,

Emenda 148

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(ii) – punt 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– 3% tal-massa ta' ossidu tal-potassju (K_2O) totali.

– 5 % tal-massa ta' ossidu tal-potassju (K_2O) totali.

Emenda 149

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(ii) – punt 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– 1,5 % skont il-massa ta' ossidu tal-manjeżju (MgO) totali,

– 2 % ***tal***-massa ta' ossidu tal-manjeżju (MgO) totali,

Emenda 150

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(ii) – punt 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– 1,5 % skont il-massa ta' ossidu tal-kalċju (CaO) totali,

– 2 % ***tal***-massa ta' ossidu tal-kalċju (CaO) totali,

Emenda 151

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(ii) – punt 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

- **1,5** % skont il-massa ta' triossidu tal-kubrit (SO₃) totali, jew

Emenda

- **5** % ***tal***-massa ta' triossidu tal-kubrit (SO₃) totali, jew

Emenda 152

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(ii) – punt 2 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

- **1** % skont il-massa ta' ossidu tas-sodju (Na₂O) totali.

Emenda

- **3** % ***tal***-massa ta' ossidu tas-sodju (Na₂O) totali.

Emenda 153

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(a)(i-ii)(A) – punt 5 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- wara ħames ċikli termali kif deskritt taħt l-Intestatura 4.2 fil-Modulu A1 fl-Anness IV,

Emenda

- wara ħames ċikli termali kif deskritt taħt l-Intestatura 4.2 fil-Modulu A1 fl-Anness IV, ***għall-ittestjar qabel it-tqegħid fis-suq,***

Emenda 154

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(i) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fertilizzant **inorganiku** ta' makronutrijenti likwidi sempliċi għandu jkollu kontenut dikjarat ta' mhux iktar minn **nutrijent wieħed**.

Emenda

1. Fertilizzant **minerali** ta' makronutrijenti likwidi sempliċi għandu jkollu kontenut dikjarat ta':

(a) mhux iktar minn **nutrijent primarju wieħed**,

Emenda 155

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(i) – punt 1 – punt b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) **mhux iktar minn nutrijent sekondarju wieħed**.

Emenda 156

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C) (I)(b)(i) – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Fertilizzant minerali ta' makronutrijenti likwidi sempliċi b'kontenut dikjarat ta' mhux iktar minn nutrijent primarju wieħed, jista' jkun fih nutrijent sekondarju wieħed jew aktar.

Emenda 157

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(i) – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih **mill-inqas** wieħed min-nutrijenti **dikjarati li għejjin** fil-kwantità minima mistqarra:

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih nutrijenti **primarji u/jew sekondarji dikjarati** fil-kwantità minima mistqarra:

Emenda 158

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(i) – punt 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– 5% skont il-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali,

– 5% **tal**-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali, **solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma,**

Emenda 159

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(i) – punt 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– 5 % skont il-massa ta' triossidu tal-kubrit (SO_3) totali, **jew**

– 5 % **tal**-massa ta' triossidu tal-kubrit (SO_3) totali,

Emenda 160

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(i) – punt 2 – inċiż 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **1** % skont il-massa ta' ossidu tas-sodju (Na_2O) totali.

– **minn 0,5 % sa 5 % tal**-massa ta' ossidu tas-sodju (Na_2O) totali.

Emenda 161

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(ii) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fertilizzant **inorganiku** ta' makronutrijenti likwidi komposti għandu jkollu kontenut dikjarat ta' iktar minn nutrijent wieħed.

Emenda

1. Fertilizzant **minerali** ta' makronutrijenti likwidi komposti għandu jkollu kontenut dikjarat ta' iktar minn nutrijent **primarju u/jew sekondarju** wieħed.

Emenda 162

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(ii) – punt 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih iktar minn wieħed min-nutrijenti **dikjarati li ġejjin** fil-kwantitajiet minimi **mistqarra**:

Emenda

2. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih iktar minn wieħed min-nutrijenti **primarji u/jew sekondarji dikjarati** fil-kwantitajiet minimi **stipulati**:

Emenda 163

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(ii) – punt 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- **1,5%** skont il-massa ta' nitroġenu (N) totali,

Emenda

- **3 % tal-**massa ta' nitroġenu (N) totali, **jew**

Emenda 164

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(ii) – punt 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- 1,5% skont il-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali,

Emenda

- 1,5% ***tal***-massa ta' pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali, ***solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma,***

Emenda 165

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(ii) – punt 2 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

- ***1,5%*** tal-massa ta' ossidu tal-potassju (K_2O) totali,

Emenda

- **3 %** tal-massa ta' ossidu tal-potassju (K_2O) totali, ***jew***

Emenda 166

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(ii) – punt 2 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

- ***0,75%*** skont il-massa ta' ossidu tal-manjeżju (MgO) totali,

Emenda

- ***1,5 % tal***-massa ta' ossidu tal-manjeżju (MgO) totali, ***jew***

Emenda 167

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(ii) – punt 2 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

- ***0,75%*** skont il-massa ta' ossidu tal-kalċju (CaO) totali,

Emenda

- ***1,5 % tal***-massa ta' ossidu tal-kalċju (CaO) totali, ***jew***

Emenda 168

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(I)(b)(ii) – punt 2 – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

- **0,75 %** skont il-massa ta' triossidu tal-kubrit (SO₃) totali, jew

Emenda

- **1,5 % tal-**massa ta' triossidu tal-kubrit (SO₃) totali, jew

Emenda 169

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)(II) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fertilizzant inorganiku ta' mikronutrijenti għandu jkun fertilizzant inorganiku barra minn fertilizzant ta' makronutrijenti mmirat li jipprovdi wieħed jew aktar min-nutrijenti li ġejjin: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo) jew żingu (Zn).

Emenda

1. Fertilizzant inorganiku ta' mikronutrijenti għandu jkun fertilizzant inorganiku barra minn fertilizzant ta' makronutrijenti mmirat li jipprovdi wieħed jew aktar min-nutrijenti li ġejjin: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo), **selenju (Se), siliċju (Si)** jew żingu (Zn).

Emenda 170

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 1(C)a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**PFC 1(C)a: FERTILIZZANT B'LIVELL
BAXX TA' KARBONJU**

1. **Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih aktar minn 1 % ta' karbonju organiku (C_{org}) u sa 15 % ta' karbonju organiku (C_{org}).**
2. **Il-karbonju preżenti fiċ-ċjanamid tal-kalċju u fl-urea u l-kondensazzjoni tagħha u prodotti assoċjati mhux se jiġi inkluż fil-karbonju organiku għall-fini ta' dik id-definizzjoni.**
3. **L-ispeċifikazzjonijiet ta' fertilizzanti solidi/likwidi, sempliċi/komposti, makronutrijenti/mikronutrijenti ta' PFC 1(C) japplikaw għall-finijiet ta' din**

il-kategorija.

4. Prodotti mibjugħa taħt PFC 1(C) a għandhom jikkonformaw mal-livelli ta' kontaminanti kif speċifikat fl-Anness I għal fertilizzanti organiċi jew organominerali fi kwalunkwe każ meta PFC 1(C) ma jkun fiha l-ebda valur ta' limitu għal dawk il-kontaminanti.

Emenda 171

**Proposta għal regolament
Anness I – parti II – PFC 2 – punt 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Materjal għat-trattament bil-gir għandu jkun prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ***immirat*** sabiex jikkoreġi l-aċidità tal-ħamrija, u li jkollu fih l-ossidi, l-idrossidi, il-karbonati jew ***is-silikati*** tan-nutrijenti kalċju (Ca) jew manjeżju (Mg).

Emenda

1. Materjal għat-trattament bil-gir għandu jkun prodott fertilizzanti bit-tikketta CE ***mmirat*** sabiex jikkoreġi l-aċidità tal-ħamrija, u li jkollu fih l-ossidi, l-idrossidi, il-karbonati jew ***u s-silikati*** tan-nutrijenti kalċju (Ca) jew manjeżju (Mg).

Emenda 398

**Proposta għal regolament
Anness I – parti II – PFC 2 – punt 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-parametri li ġejjin li huma ddeterminati fuq il-materja niexfa għandhom jiġu ssodisfati:

- Valur newtralizzanti minimu: 15 (ekwivalenti CaO) jew 9 (ekwivalenti HO⁻), u
- Reattività minima: 10% jew 50% wara 6 xhur (test ta' inkubazzjoni).

Emenda

3. Il-parametri li ġejjin li huma ddeterminati fuq il-materja niexfa għandhom jiġu ssodisfati:

- Valur newtralizzanti minimu: 15 (ekwivalenti CaO) jew 9 (ekwivalenti HO⁻), u
- Reattività minima: 10 % jew 50 % wara 6 xhur (test ta' inkubazzjoni),
u

- *Daqs minimu tal-granuli 70 % < 1 mm, minbarra ġir maħruq, materjal tal-ġir granulat u ġibs, (=70 % tad-daqs tal-granuli għandu jgħaddi minn għarbiel ta' 1 mm)*

Emenda 175

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 3 - punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Tejjieb tal-ħamrija għandu jkun **prodott fertilizzanti bit-tikketta CE maħsub biex jiżdied mal-ħamrija sabiex** iżomm, itejjeb jew jipproteġi l-karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi, l-istruttura jew l-attività bijoloġika tal-ħamrija.

Emenda

Tejjieb tal-ħamrija għandu jkun **materjal, inkluż il-mulch, miżjud fil-ħamrija in situ primarjament biex** iżomm jew itejjeb il-karatteristiċi fiżiċi tagħha, u li jista' jtejjeb il-proprjetajiet jew l-attività kimika u/jew bijoloġika tagħha.

Emenda 176

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 3(C) – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandu jkun fih 15 % jew iktar ta' materjal ta' oriġini bijoloġika.

Emenda 177

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 3(A) – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Tejjieb organiku tal-ħamrija għandu jikkonsisti esklussivament minn materjal

1. Tejjieb organiku tal-ħamrija għandu jikkonsisti esklussivament minn materjal

ta' oriġini unikament bijoloġika, bl-esklużjoni ta' *materjal* li *huwa fossilizzat* jew *inkorporat* fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi.

ta' oriġini unikament bijoloġika, *bl-inklużjoni tal-pit, il-leonardite, il-linjite u sustanzi umiċi miksuba minnhom, iżda* bl-esklużjoni ta' *materjali oħra* li *huma fossilizzati* jew *inkorporati* fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi.

Emenda 179

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 3(A) – punt 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- Kromu eżavalenti (Cr VI) **2** mg/kg materja niexfa,

Emenda

- Kromu eżavalenti (Cr VI) **1** mg/kg materja niexfa,

Emenda 181

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 3(a) – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) *Salmonella spp. ma għandhiex tkun preżenti f'kampjun ta' 25 g ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.*

Emenda

- (a) *Il-patoġeni ma jridux ikunu preżenti fit-tejjieb organiku tal-ħamrija f'konċentrazzjoni ta' aktar mil-limiti rispettivi indikati fit-tabella ta' hawn taħt:*

<i>Il-mikroorganiżmu li se jiġi ttestjat</i>	<i>Il-pjanijiet għat-tehd ta' kampjuni</i>			<i>Limitu</i>
	<i>n</i>	<i>c</i>	<i>m</i>	<i>M</i>
<i>Salmonella spp</i>	5	0	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Escherichia coli</i> jew <i>Enterococcaceae</i>	5	5	0	<i>1 000 f'i 1 g jew 1 ml</i>

fejn n = in-numru ta' kampjuni għall-ittestjar

c = in-numru ta' kampjuni fejn in-numru ta' batterji espress f'CFU (unitajiet li jistgħu jifformaw kolonja) jista' jkun bejn m u M

m = il-valur ta' limitu minimu għan-numru ta' batterji espress f'CFU li huwa kkunsidrat sodisfaċenti

M = il-valur massimu tan-numru ta' batterji espress f'CFU

Il-parassiti Ascaris spp. u Toxocara spp., fl-istadji kollha tal-iżvilupp tagħhom, ma jridux ikunu preżenti f'100 g jew 100 ml tat-tejjieb organiku tal-ħamrija.

Emenda 182

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 3(B) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Tejjieb inorganiku tal-ħamrija għandu jkun tejjieb tal-ħamrija barra minn tejjieb organiku tal-ħamrija.

Emenda

1. Tejjieb inorganiku tal-ħamrija għandu jkun tejjieb tal-ħamrija barra minn tejjieb organiku tal-ħamrija, ***u għandu jinkludi riti tal-mulch. Rita tal-mulch bijodegradabbli għandha tkun rita ta' polimeru bijodegradabbli f'konformità mar-rekwiżiti tal-punti 2a u 3 ta' CMC 10 fl-Anness II u maħsuba biex titqiegħed fil-ħamrija in situ sabiex tipproteġi l-istruttura tagħha, trażżan it-tkabbir tal-ħaxix ħażin, tnaqqas it-telf tal-indewwa tal-ħamrija jew tevita l-erożjoni.***

Emenda 184

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 4 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Materjal għat-tkabbir għandu jkun materjal barra minn ħamrija ***maħsuba għall-użu bħala substrat għall-iżvilupp tal-għeruq.***

Emenda

1. Materjal għat-tkabbir għandu jkun materjal barra minn ħamrija ***in situ li fih jitkabbru l-pjanti u l-faqqieġh.***

Emenda 187

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 4 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. *Salmonella spp.* ma għandhiex tkun preżenti f'kampjun ta' 25 g ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.

Emenda

3. *Il-patoġeni ma jridux ikunu preżenti fil-materjal għat-tkabbir f'konċentrazzjoni ta' aktar mil-limiti rispettivi indikati fit-tabella ta' hawn taħt:*

<i>Mikroorganiżmu li se jiġi ttestjat</i>	<i>Pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni</i>			<i>Limitu</i>
	<i>n</i>	<i>c</i>	<i>m</i>	<i>M</i>
<i>Salmonella spp</i>	5	0	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Escherichia coli</i> jew <i>Enterococcaceae</i>	5	5	0	<i>1 000 fi 1 g jew 1 ml</i>

fejn n = in-numru ta' kampjuni għall-ittestjar

c = in-numru ta' kampjuni fejn in-numru ta' batterji espress f'CFU jista' jkun bejn m u M

m = il-valur ta' limitu minimu għan-numru ta' batterji espress f'CFU li huwa kkunsidrat sodisfaċenti

M = il-valur massimu tan-numru ta' batterji espress f'CFU

*Il-parassiti *Ascaris spp.* u *Toxocara spp.*, fl-istadji kollha tal-iżvilupp tagħhom, ma għandhomx ikunu preżenti f'100 g jew 100 ml tal-materjal għat-tkabbir.*

Emenda 188

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 5 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Addittiv agronomiku għandu jkun prodott fertilizzanti bit-tikketta CE maħsub li jiżdied ma' prodott li ***jipprovdi lill-pjanti bin-nutrijenti***, bil-ħsieb li jtejjeb ***it-tendenzi tar-rilaxx*** tan-nutrijenti ***tal-***

Emenda

Addittiv agronomiku għandu jkun prodott fertilizzanti bit-tikketta CE maħsub li jiżdied ma' prodott, li ***għandu effett ippruvat fuq it-trasformazzjoni jew id-disponibbiltà tal-pjanta ta' forom***

prodott.

differenti ta' nutrijenti minerali jew mineralizzati, jew it-tnejn li huma, li għandu jiġi miżjud mal-ħamrija bil-ħsieb li jtejjeb l-assorbiment mill-pjanti tan-nutrijenti jew li jnaqqas it-telf tan-nutrijenti.

Emenda 193

**Proposta għal regolament
Anness I – parti II – PFC 5(A)(Ia) (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

PFC 5(A)(Ia): Inibitur tad-denitrifikazzjoni

1. Inibitur tad-denitrifikazzjoni għandu jkun inibitur li jnaqqas il-formazzjoni ta' ossidu nitruż (N_2O) billi jirrallenta jew iwaqqaf il-konverżjoni tan-nitrat (NO_3^-) f'dinitroġenu (N_2) mingħajr ma jinfluwenza l-proċess ta' nitrifikazzjoni kif deskritt f'PFC 5(A)(I). Dan għandu jikkontribwixxi biex tiżdied id-disponibbiltà ta' nitrat għall-pjanta u jitnaqqsu l-emissjonijiet tal- N_2O .

2. L-effikaċja ta' dan il-metodu tista' tiġi vvalutata billi jitkejlu l-emissjonijiet tal-ossidu tan-nitroġenu f'kampjuni tal-gass miġbura f'apparat tal-kejl xieraq u billi jitkejjel l-ammont ta' N_2O ta' dak il-kampjun f'kromatografu b'fażi gassuża. Il-valutazzjoni għandha tirreġistra wkoll il-kontenut ta' ilma tal-ħamrija.

Emenda 202

**Proposta għal regolament
Anness I – parti II – PFC 6 – punt 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Bijostimulant tal-pjanti għandu jkun prodott fertilizzanti bit-tikketta CE li jstimula l-proċessi ta' nutrizzjoni tal-pjanti ***indipendentament*** mill-kontenut tan-nutrijenti tal-prodott, bl-għan uniku li jtejjeb karatteristika waħda jew aktar tal-pjanta li ġejjin:

Emenda

1. Bijostimulant tal-pjanti għandu jkun prodott fertilizzanti bit-tikketta CE li jstimula l-proċessi ta' nutrizzjoni tal-pjanti ***indipendentement*** mill-kontenut tan-nutrijenti tal-prodott, bl-għan uniku li jtejjeb karatteristika waħda jew aktar ***mill-karatteristiċi*** li ġejjin tal-pjanta ***u r-riżosfera jew il-fillosfera tal-pjanta***:

Emenda 203

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6 – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) disponibbiltà ta' nutrijenti konfinati fil-ħamrija u fir-riżosfera.

Emenda 204

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6 – punt 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cb) umifikazzjoni,

Emenda 205

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6 – punt 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) id-degradazzjoni tal-komposti organiċi fil-ħamrija.

Emenda 206

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6 – punt 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- Kadmju (Cd) **3** mg/kg materja niexfa,

- Kadmju (Cd) **1,5** mg/kg materja niexfa,

Emenda 208

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Bijostimulant mikrobjali tal-pjanti għandu jikkonsisti **biss** minn mikroorganiżmu jew konsorzju ta' mikroorganiżmi msemmija fil-Kategorija tal-Materjal Komponent 7 tal-Anness II.

1. Bijostimulant **mikrobiku** tal-pjanti għandu jikkonsisti:

(a) minn mikroorganiżmu jew konsorzju ta' mikroorganiżmi msemmija fil-Kategorija tal-Materjali Komponenti (CMC) 7 tal-Anness II;

(b) minn mikroorganiżmi jew konsorzju ta' mikroorganiżmi differenti minn dawk previsti taħt il-punt (a) ta' dan il-punt..
Jistgħu jintużaw bħala kategoriji ta' materjali komponenti dment li jkunu konformi mar-rekwiżiti mogħtija fil-Kategorija tal-Materjali Komponenti 7 tal-Anness II.

Emenda 209

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. *Salmonella spp. ma għandhiex tkun preżenti f'kampjun ta' 25 g jew 25 ml ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.*

Emenda

3. *Il-patoġeni ma jridux ikunu preżenti fil-bijostimulant mikrobiku tal-pjanti f'konċentrazzjoni ta' aktar mil-limiti rispettivi indikati fit-tabella ta' hawn taħt:*

<i>Mikroorganiżmi/it-tossini tagħhom, metaboliti</i>	<i>Pjanijiet għat-teħid ta' kampjuni</i>		<i>Limitu</i>
	<i>n</i>	<i>c</i>	
<i>Salmonella spp</i>	5	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Escherichia coli</i>	5	0	<i>Assenti fi 1 g jew 1 ml</i>
<i>Listeria monocytogenes</i>	5	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Vibrio spp</i>	5	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Shigella spp</i>	5	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Staphylococcus aureus</i>	5	0	<i>Assenti f'25 g jew 25 ml</i>
<i>Enterococcaceae</i>	5	2	<i>10 CFU/g</i>
<i>L-għadd tal-kolonji anaerobiċi sakemm il-bijostimulant mikrobiku ma jkunx batterju aerobiku</i>	5	2	<i>10⁵ CFU/g jew ml</i>
<i>L-għadd ta' ħmira u moffa sakemm il-bijostimulant mikrobiku ma jkunx fungus</i>	5	2	<i>1000 CFU/g jew ml</i>

fejn n= in-numru ta' unitajiet li jagħmlu l-kampjun; c= in-numru ta' unitajiet ta' kampjuni li jagħtu valuri ikbar mil-limitu definit.

Emenda 210

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. *Salmonella spp. ma għandhiex tkun preżenti f'kampjun ta' 1 g jew 1 ml ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.* ***imħassar***

Emenda 211

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5. *Enterococcaceae ma tridx tkun preżenti fil-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE f'iktar minn 10 CFU/g ta' massa friska.* ***imħassar***

Emenda 212

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. *Listeria monocytogenes ma għandhiex tkun preżenti f'kampjun ta' 25 g jew 25 ml ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.* ***imħassar***

Emenda 213

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 7

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**7. *Vibrio spp* ma għandhiex tkun
preżenti f'kampjun ta' 25 g jew 25 ml ta'
prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.**

imħassar

Emenda 214

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**8. *Shigella spp.* ma għandhiex tkun
preżenti f'kampjun ta' 25 g jew 25 ml ta'
prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.**

imħassar

Emenda 215

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 9

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**9. *Staphylococcus aureus* ma
għandhiex tkun preżenti f'kampjun ta' 1 g
jew 1 ml ta' prodott fertilizzanti bit-
tikketta CE.**

imħassar

Emenda 216

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 10

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

10. L-għadd tal-kolonji aerobiċi ma għandux ikun iktar minn 5 CFU/g jew ml mill-kampjun ta' prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, sakemm il-bijostimulant mikrobjali ma jkunx batterja aerobika.

imħassar

Emenda 217

Proposta għal regolament

Anness I – part II – PFC 6(A) – punt 12 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

il-bijostimulant tal-pjanti għandu jkollu pH ogħla minn jew daqs 4.

imħassar

Emenda 218

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 6(A) – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

13. Iż-żmien tal-ħżin tal-bijostimulant mikrobjali tal-pjanti għandu jkun tal-inqas 6 xhur skont il-kundizzjonijiet tal-ħżin speċifikati fuq it-tikketta.

imħassar

Emenda 219

Proposta għal regolament

Anness I – parti II – PFC 7 – punt 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. It-tahlit ma ghandux jibdel *in-natura*

3. It-tahlit ma ghandux jibdel *il-*

ta' kull wieħed mill-prodotti fertilizzanti
komponenti

funzjoni ta' kull wieħed mill-prodotti
fertilizzanti komponenti

Emenda 220

Proposta għal regolament

Anness II - parti I – CMC 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

**CMC 11a: Prodotti sekondarji industrijali
oħrajn**

Emenda 221

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 1 – punt 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE
jista' jkollu sustanzi u taħlitiet, barra minn⁸

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE
jista' jkollu sustanzi u taħlitiet, **inklużi
addittivi tekniċi**, barra minn⁸

⁸ L-esklużjoni ta' materjal minn CMC 1 ma
jtelfux milli jkun materjal komponent
eliġibbli minħabba CMC oħra li tistipula
rekwiżiti differenti. Ara, pereżempju, CMC
11 dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali,
CMC 9 u CMC 10 dwar il-polimeri, u
CMC 8 dwar l-addittivi agronomiċi.

⁸ L-esklużjoni ta' materjal minn CMC 1 ma
jtelfux milli jkun materjal komponent
eliġibbli minħabba CMC oħra li tistipula
rekwiżiti differenti. Ara, pereżempju, CMC
11 dwar il-prodotti sekondarji tal-annimali,
CMC 9 u CMC 10 dwar il-polimeri, u
CMC 8 dwar l-addittivi agronomiċi.

Emenda 222

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 1 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) prodotti sekundarji fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE,

Emenda

(b) prodotti sekundarji fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 2008/98/KE, ***minbarra prodotti sekundarji reġistrati skont ir-Regolament(KE) Nru 1907/2006 minbarra dawk koperti minn waħda mill-eżenzjonijiet mill-obbligu ta' reġistrazzjoni previsti fil-punt 5 tal-Anness V ta' dak ir-Regolament,***

Emenda 223

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 1 – punt 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) polimeri, jew

Emenda

(e) polimeri, ***bl-eċċezzjoni ta' dawk użati f'materjal għat-tkabbir li mhuwiex f'kontatt mal-ħamrija, jew***

Emenda 228

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 2 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkun fih pjanti, partijiet tal-pjanti jew estratti tal-pjanti li ma jkunu għaddew mill-ebda proċess ieħor ħlief il-qtuġh, it-tħin, iċ-ċentrifugazzjoni, l-ippressar, it-tnixxif, il-lijofilizzazzjoni ***jew*** l-estrazzjoni bl-ilma.

Emenda

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkun fih pjanti, partijiet tal-pjanti jew estratti tal-pjanti li ma jkunu għaddew mill-ebda proċess ieħor ħlief il-qtuġh, it-tħin, iċ-ċentrifugazzjoni, ***it-tgħarbil, il-maċinazzjoni,*** l-ippressar, it-tnixxif, il-lijofilizzazzjoni, ***il-buffering, l-estrużjoni, ir-radjażzjoni, it-trattament bl-iffriżar, is-sanifikazzjoni bl-użu tas-sħana,*** l-estrazzjoni bl-ilma ***jew kwalunkwe preparazzjoni/pproċessar ieħor li ma jrendix is-sustanza finali suġġetta għar-***

Emenda 229

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 2 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-pjanti huma mifhuma li jinkludu l-alga *u jeskludu ċ-ċjanobatterji*.

Emenda

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-pjanti huma mifhuma li jinkludu l-alga *ħlief fir-rigward ta' ċjanobatterji li jipproduċu ċjanotossini klassifikati bħala perikolużi skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet*.

Emenda 230

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 3 – punt 1 - parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Prodott *fertilizzanti* bit-tikketta CE jista' jkollu kompost miksub mill-kompostjar aerobiku ta' esklussivament wieħed jew aktar mill-materjali ta' input li ġejjin:

Emenda

1. Prodott *għan-nutrizzjoni tal-pjanti* bit-tikketta CE jista' jkollu kompost, *estratt likwidu jew mhux likwidu mikrobiku jew mhux mikrobiku magħmul minn kompost*, miksub mill-kompostjar aerobiku, *u l-multiplikazzjoni possibbli li tirriżulta tal-mikrobiċi li jeżistu fin-natura* ta' esklussivament wieħed jew aktar mill-materjali ta' input li ġejjin:

Emenda 231

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 3 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Prodotti *sekondarji tal-annimali tal-*

Emenda

(b) Prodotti *dderivati minn prodotti*

katgoriji 2 u 3 skont ir-Regolament (KE)
Nru 1069/2009;

*sekondarji mill-annimali msemmija fl-
Artikolu 32 tar-Regolament (KE)*
Nru 1069/2009 *li għalihom ikun intlaħaq
il-punt aħħari fil-katina tal-manifattura
f'konformità mal-Artikolu 5 ta' dak ir-
Regolament;*

Emenda 232

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 3 – punt 1 – punt c – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

(c) Organiżmi haġġin jew mejtin jew partijiet minnhom, li ma jkunux proċessati jew li jkunu proċessati biss b'mezzi manwali, mekkaniċi jew gravitazzjonali, billi jinħallu fl-ilma, bit-tagħwim, bl-estrazzjoni bl-ilma, *bid-distillazzjoni tal-fwar jew bit-tisħin esklussivament biex jitneħħa l-ilma, jew li jiġu estratti mill-arja bi kwalunkwe mezz*, ħliet

Emenda

(c) Organiżmi haġġin jew mejtin jew partijiet minnhom, li ma jkunux proċessati jew li jkunu proċessati biss b'mezzi manwali, mekkaniċi jew gravitazzjonali, billi jinħallu fl-ilma, bit-tagħwim, bl-estrazzjoni bl-ilma, ħliet

Emenda 233

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 3 – punt 1 – punt c – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– ħama tad-dranaġġ, ħama industrijali jew ħama mit-tħammil, u

Emenda

– ħama tad-dranaġġ, ħama industrijali *(ħliet għal residwi tal-ikel li ma jittieklux, magħlef u pjantaġġjuni marbuta mal-agrokarburanti)* jew ħama mit-tħammil, u

Emenda 238

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 3 – punt 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) Residwi mhux ipproċessati u pproċessati mekkanikament mill-industriji tal-produzzjoni tal-ikel, ħlief mill-industriji li jużaw prodotti sekondarji mill-annimali skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

Emenda 239

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 3 – punt 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) Materjali konformi ma' CMC 2, CMC 3, CMC 4, CMC 5, CMC 6 u CMC 11.

Emenda 240

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 3 – punt 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– li ***t******i******p******p******r******o******c******e******s******s******a*** ***b******i******s******s*** materjali ta' input imsemmija fil-***p******a******r******a******g******r******a******f******u*** 1 hawn fuq, u

– li ***f******i******h******a*** ***l******-******l******i******n******j******i*** ***t******a******'*** ***p******r******o******d******u******z******z******j******o******n******i*** ***g******h******a******l******-******i******p******p******r******o******c******e******s******s******a*** ***t******a******'*** materjali ta' input imsemmija f'***p******u******n******t*** 1 hawn fuq ***h******u******m******a*** ***s******e******p******a******r******a******t******i*** ***b******'******m******o******d*** ***ċ******a******r*** ***m******i******l******-******l******i******n******j******i*** ***t******a******'*** ***p******r******o******d******u******z******z******j******o******n******i*** ***g******h******a******l******-******i******p******p******r******o******c******e******s******s******a*** ***t******a******'*** materjali ta' input minbarra dawk imsemmija f'***p******u******n******t*** 1, u

Emenda 241

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 3 – punt 6 – punt a – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- Kriterju: massimu ta' **25** mmol O₂/kg materja organika/siegħa; jew

Emenda

- Kriterju: massimu ta' **50** mmol O₂/kg materja organika/siegħa; jew

Emenda 242

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 4 – titlu

Test propost mill-Kummissjoni

CMC 4: Diġestat tal-għelejjel għall-enerġija

Emenda

CMC 4: Diġestat tal-għelejjel għall-enerġija ***u bijoskart abbażi tal-pjanti***

Emenda 247

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 4 – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) Kwalunkwe materjal imsemmi fil-punti (a)-(b) li jkun ġie diġerit qabel.

Emenda

- (c) Kwalunkwe materjal imsemmi fil-punti (a)-(b) li jkun ġie diġerit qabel ***mingħajr ebda traċċa ta' aflatossini.***

Emenda 248

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 4 – punt 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

- li ***tipproċessa*** biss materjali ta' input imsemmija ***fil-paragrafu*** 1 hawn fuq, u

Emenda

- li ***fiha l-linji ta' produzzjoni għall-ipproċessar ta'*** materjali ta' input imsemmija ***fil-punt*** 1 hawn fuq ***huma***

*separati b'mod ċar mil-linji ta'
produzzjoni għall-ipproċessar ta'
materjali ta' input minbarra daww
imsemmija fil-punt 1, u*

Emenda 249

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 4 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Diġestjoni anaerobika termofila f'55°C bi proċess ta' trattament **inkluż stadju ta' pasturizzazzjoni (70°C – 1 siegħa)**;

Emenda

(b) Diġestjoni anaerobika termofila f'55°C bi proċess ta' trattament **inkluża l-pasturizzazzjoni kif deskritt fil-punt 1 tat-taqsimha 1 tal-Kapitolu I tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 142/2011^{1a}**;

^{1a} Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 142/2011 tal-25 ta' Frar 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi skont dik id-Direttiva (ĠU L 54, 26.2.2011, p. 1).

Emenda 250

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 4 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Diġestjoni anaerobika meżofila f'37-40°C bi proċess ta' trattament li jinkludi

Emenda

(d) Diġestjoni anaerobika meżofila f'37-40°C bi proċess ta' trattament li jinkludi **l-**

stadju ta' pasturizzazzjoni (70°C – 1 siegħa); jew

pasturizzazzjoni kif deskritt fil-punt 1 tat-taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 142/2011; jew

Emenda 251

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 5 – punt 1 – punt c – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ħama tad-dranaġġ, ħama industrijali jew ħama mit-tħammil,

– ħama tad-dranaġġ, ħama industrijali ***għajr dawk speċifikati fil-punt (ea)*** jew ħama mit-tħammil, ***u***

Emenda 255

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 5 – punt 1 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Kwalunkwe materjal elenkat fil-punti (a)-(d) li

(e) Kwalunkwe materjal ***mingħajr aflatossini*** elenkat fil-punti (a)-(d) li

Emenda 256

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 5 – punt 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) Residwi mhux ipproċessati u pproċessati mekkanikament mill-industriji tal-produzzjoni tal-ikel, ħlief mill-industriji li jużaw prodotti sekondarji mill-annimali skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009.

Emenda 257

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 5 – punt 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(eb) Materjali konformi ma' CMC 2, CMC 3, CMC 4, CMC 5, CMC 6 u CMC 11.

Emenda 258

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 5 – punt 2 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– li ***tipproċessa biss*** materjali ta' input imsemmija ***fil-paragrafu*** 1 hawn fuq, u

– li ***fiha l-linji ta' produzzjoni għall-ipproċessar ta'*** materjali ta' input imsemmija ***fil-punt*** 1 hawn fuq ***huma separati b'mod ċar mil-linji ta' produzzjoni għall-ipproċessar ta' materjali ta' input minbarra dawk imsemmija fil-punt 1, u***

Emenda 259

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 5 – punt 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) Diġestjoni anaerobika termofila f'55°C tal-anqas waqt 24 siegħa u żmien ta' żamma idrawlika ta' mill-anqas 20 jum;

(a) Diġestjoni anaerobika termofila f'55°C tal-anqas waqt 24 siegħa u żmien ta' żamma idrawlika ta' mill-anqas 20 jum, ***segwita minn analiżi biex tivverifika li l-proċess ta' diġestjoni jkun qered b'suċċess il-patoġeni;***

Emenda 260

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 5 – punt 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) Diġestjoni anaerobika termofila f'55°C bi proċess ta' trattament **inkluż stadju ta' pasturizzazzjoni (70°C – 1 siegħa)**;

Emenda

(b) Diġestjoni anaerobika termofila f'55°C bi proċess ta' trattament **inkluża l-pasturizzazzjoni kif deskritt fil-punt 1 tat-taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 142/2011**;

Emenda 261

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 5 – punt 3 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) Diġestjoni anaerobika meżofila f'37-40°C bi proċess ta' trattament li jinkludi **stadju ta' pasturizzazzjoni (70°C – 1 siegħa)**; jew

Emenda

(d) Diġestjoni anaerobika meżofila f'37-40°C bi proċess ta' trattament li jinkludi **l-pasturizzazzjoni kif deskritt fil-punt 1 tat-taqsima 1 tal-Kapitolu I tal-Anness V tar-Regolament (UE) Nru 142/2011**; jew

Emenda 262

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 6 – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(ca) residwi taż-żebug, jiġifieri prodott sekondarju viskuż tal-għasir taż-żebug miksub billi r-residwi nidjin taż-żebug jiġu ttrattati b'solventi organiċi f'żewġ fażijiet (residwu ta' 2 fażijiet) jew fi tlieta (residwu ta' 3 fażijiet);

Emenda

Emenda 263

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 6 – punt 1 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(cb) prodotti sekondarji tal-industrija tal-għalf, li huma elenkati fil-katalgu tal-materjali tal-għalf individwali fir-

Emenda

Emenda 264

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 6 – punt 1 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(cc) kwalunkwe materjal ieħor jew sustanza oħra li ġie(t) approvat(a) għall-inkorporazzjoni fl-ikel jew fl-għalf.

Emenda 269

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 6 – punt 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-sustanzi kollha għandu jkun fihom l-aftotossini taħt il-limitu ta' detezzjoni.

Emenda 270

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 7 – punt 1 – inċiż 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– ma jkunux għaddew mill-ebda proċess ieħor ħlief it-tnixxif jew il-lijofilizzazzjoni u

imħassar

Emenda 271

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 8 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkollu sustanza jew taħlita maħsuba biex tittejjeb it-tendenzi tar-rilaxx tan-nutrijenti ta' prodott, biss jekk il-konformità ta' dik is-sustanza jew it-taħlita

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkollu sustanza jew taħlita *(inklużi l-addittivi teknoloġiċi, pereżempju: antiagglomeranti, aġenti kontra r-ragħwa, aġenti kontra t-trab, koloranti u aġenti*

mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal prodott f'PFC 5 tal-Anness I tkun intweriet f'konformità mal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli għal addittiv agronomiku bħal dan.

reoloġiċi) maħsuba biex tittejjeb it-tendenzi tar-rilaxx tan-nutrijenti ta' prodott, biss jekk il-konformità ta' dik is-sustanza jew it-taħlita mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għal prodott f'PFC 5 tal-Anness I tkun intweriet f'konformità mal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità applikabbli għal addittiv agronomiku bħal dan.

Emenda 272

Proposta għal regolament Anness II – parti II – CMC 8 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkollu inibitur tad-denitrifikazzjoni konformi, kif imsemmi f'PFC 5(A)(Ia) tal-Anness I, biss jekk ikun fih in-nitroġenu fi kwalunkwe forma.

Emenda 273

Proposta għal regolament Anness II – parti II – CMC 8 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkollu inibitur tal-urea konformi, kif jissemma f'PFC 5(A)(II) tal-Anness I, biss jekk tal-anqas 50% tal-kontenut **tan-nitroġenu (N) totali** tal-prodott fertilizzanti jikkonsisti minn **nitroġenu (N) mill-urea** ($\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$).

4. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkollu inibitur tal-urea konformi, kif jissemma f'PFC 5(A)(II) tal-Anness I, biss jekk tal-anqas 50 % tal-kontenut **totali ta' nitroġenu (N)** tal-prodott fertilizzanti jikkonsisti minn **forma ta' ammonju (NH_4^+) jew ta' ammonju (NH_4^+) u ta' urea** ($\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$).

Emenda 274

Proposta għal regolament Anness II – parti II – CMC 9 – punt 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-polimeri **ma għandux ikollhom il-**

3. Il-polimeri **għandu jkollhom**

formaldeid.

massimu ta' 600 ppm ta' formaldeid liberu.

Emenda 275

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 10 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkun fih polimeri differenti minn polimeri nutrijenti biss fil-każijiet fejn l-iskop tal-polimeru huwa li
 - (a) jikkontrolla l-penetrazzjoni tal-ilma fil-partiċelli tan-nutrijenti u b'hekk jiġu rilaxxati n-nutrijenti (f'liema każ il-polimeru huwa magħruf bħala 'aġent tal-kisi'), jew
 - (b) *jżid* il-kapaċitajiet ta' żamma tal-ilma tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE.

Emenda

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkun fih polimeri differenti minn polimeri nutrijenti biss fil-każijiet fejn l-iskop tal-polimeru huwa li
 - (a) jikkontrolla l-penetrazzjoni tal-ilma fil-partiċelli tan-nutrijenti u b'hekk jiġu rilaxxati n-nutrijenti (f'liema każ il-polimeru huwa magħruf bħala 'aġent tal-kisi'), jew
 - (b) *iżid* il-kapaċitajiet ta' żamma tal-ilma tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, *jew*
 - (ba) *itejjeb il-ħamrija bħala rita tal-mulch bijodegradabbli, konformi, b'mod partikolari, mar-rekwiżiti tal-punti 2a u 3 ta' CMC 10, jew*
 - (bb) *jillega l-komponenti tal-prodott fertilizzanti, mingħajr l-ebda kuntatt mal-ħamrija, jew*
 - (bc) *itejjeb l-istabbiltà tal-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, jew*
 - (bd) *itejjeb il-penetrazzjoni tal-ilma fil-ħamrija.*

Emenda 276

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 10 – punt 2

2. Minn *[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, jekk jogħġbok daħħal id-data li tokkorri tliet* snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], għandu jkun hemm konformità mal-kriterju li ġej: Il-polimeru għandu jkun jista' jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika, b'tali mod li ħafna minnu finalment jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju (CO₂), bijomassa u ilma. Għandu jkollu tal-anqas 90 % tal-karbonju organiku kkonvertit f'CO₂ f'massimu ta' **24 xahar**, *f'test tal-bijodegradabbiltà kif speċifikat fil-punti (a)-(c) hawn taħt.*

2. Minn ... *[ħames* snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], għandu jkun hemm konformità mal-kriterju li ġej: Il-polimeru għandu jkun jista' jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika, b'tali mod li ħafna minnu finalment jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju (CO₂), bijomassa u ilma. Għandu jkollu tal-anqas 90 % tal-karbonju organiku kkonvertit f'CO₂ f'massimu ta' **48 xahar wara t-tmiem tal-perjodu tal-funzjonalità kkonċernat tal-prodott fertilizzanti indikat fuq it-tikketta, meta mqabbel ma' standard xieraq waqt it-test tal-bijodegradabbiltà. Il-kriterji ta' bijodegradabbiltà u l-iżvilupp ta' metodu xieraq tal-ittestjar għall-bijodegradazzjoni għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-aktar provi xjentifiċi reċenti u stabbiliti f'atti delegati msemmija fl-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament.**

(a) *It-test għandu jsir f'25°C ± 2°C.*

(b) *It-test għandu jsir f'konformità mal-metodu għad-determinazzjoni tal-bijodegradabbiltà aerobika finali tal-materjali tal-plastik fil-ħamrija billi titkejjel id-domanda għall-ossiġenu jew l-ammont ta' diossidu tal-karbonju prodott.*

(c) *Għandu jintuża trab taċ-ċelluloża mikrokristallina bl-istess dimensjoni bħall-materjal tat-test bħala materjal ta' referenza fit-test.*

(d) *Qabel it-test, il-materjal tat-test ma għandux ikun soġġett għal kundizzjonijiet jew proċeduri mfasslin sabiex iħaffu d-degradazzjoni tar-rita, bħall-esponent għas-sħana jew għad-dawl.*

Anness II – parti II – CMC 10 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Ir-riti tal-mulch bijodegradabbli msemija f'PFC 3(B) għandhom ikunu konformi mal-kriterju li ġej:

Il-polimeru għandu jkun jista' jgħaddi minn dekompożizzjoni fiżika u bijoloġika, b'tali mod li finalment jiddekomponi f'diossidu tal-karbonju (CO₂), bijomassa u ilma u għandu jkollu tal-inqas 90 % tal-karbonju organiku, b'mod assolut jew relattiv għall-materjal ta' referenza, ikkonvertit f'CO₂ f'massimu ta' 24 xahar, f'test tal-bijodegradabbiltà skont l-istandards tal-Unjoni għal bijodegradazzjoni ta' polimeri fil-ħamrija.

Emenda 278

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 10 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Peress li l-prodott huwa maħsub biex jiġi miżjud mal-ħamrija u rilaxxat fl-ambjent, dawn il-kriterji għandhom japplikaw għall-materjali kollha li jinsabu fil-prodott.

Emenda 279

Proposta għal regolament

Anness II – parti II – CMC 10 – paragrafu 3b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3b. Prodott bit-tikketta CE li jkun fih polimeri minbarra polimeri nutrijenti

għandu jiġi eżentat mir-rekwiżiti stabbiliti fil-punti 1, 2 u 3 bil-kundizzjoni li l-polimeri jintużaw biss bħala materjal leganti għall-prodott fertilizzanti u li ma jkunux f'kuntatt mal-ħamrija.

Emenda 280

Proposta għal regolament Anness II – parti II – CMC 11

Test propost mill-Kummissjoni

Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkollu prodotti sekondarji mill-annimali fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 meta jilħaq il-punt finali fil-katina ta' manifattura kif iddeterminat skont dak ir-Regolament, li huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt u kif inhu speċifikat fiha:

Emenda

Suġġett għall-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti delegati skont l-Artikolu 42, prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkollu prodotti sekondarji mill-annimali fi ħdan it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 meta jilħaq il-punt finali fil-katina ta' manifattura kif iddeterminat skont dak ir-Regolament, li huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt u kif inhu speċifikat fiha

	<i>Prodott derivat</i>	<i>Standards ta' pproċessar sabiex jintlaħaq il-punt finali fil-katina ta' manifattura</i>
<i>1</i>	<i>Dqiq mil-laħam</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
<i>2</i>	<i>Dqiq mill-għadam mitħun</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
<i>3</i>	<i>Dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
<i>4</i>	<i>Demm tal-annimali</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
<i>5</i>	<i>Proteini idrolizzati tal-Kategorija III – skont ir-Regolament 1069/2009</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>

6	<i>Demel ipproċessat</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
7	<i>Kompost (1)</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
8	<i>Residwi tad-diġestjoni tal-bijogass (1)</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
9	<i>Dqiq mir-rix</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
10	<i>Ġlud</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
11	<i>Qwieqeb u qrun</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
12	<i>Gwanu tal-friefet il-lejl</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
13	<i>Suf u pil</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
14	<i>Rix u rix fin (downs)</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
15	<i>Lanżit tal-ħanżir</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
16	<i>Gliċerina u prodotti oħrajn ta' materjali tal-Kategoriji 2 u 3 derivati mill-produzzjoni tal-bijodiżil u ta' fjuwils rinnovabbli</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
17	<i>Ikel għall-annimali domestiċi u oġġetti li jgerrmu l-klieb li ġew miċħuda għal raġunijiet kummerċjali jew minħabba fallimenti tekniċi</i>	<i>Determinat skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament (UE) Nru 1069/2009</i>
<i>(1) derivati minn materjali tal-Kategoriji 2 u 3 għajr minn dqiq mil-laħam u l-għadam mitħun u minn proteini tal-annimali pproċessati</i>		

Emenda 281

Proposta għal regolament

Anness II - parti II – CMC 11a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

CMC 11a: Prodotti sekondarji industrijali oħrajn

1. Prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jista' jkun fih prodotti sekondarji industrijali oħrajn, bħal sulfat tal-ammonju mill-produzzjoni tal-kaprolattam, aċidu sulfuriku mir-raffinar tal-gass naturali u taż-żejt kif ukoll materjali oħrajn li ġejjin minn proċessi industrijali speċifiċi, li huma esklużi mis- CMC 1 u huma elenkati fit-tabella ta' hawn taħt, fil-kundizzjonijiet speċifikati fiha:

2. Minn ... [sena mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-kriterji applikabbli għall-prodotti sekondarji industrijali li ntużaw skont ir-Regolament (KE) 2003/2003 bħala komponenti ta' prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE, bil-għan li jkunu inklużi fil-kategorija ta' materjal komponenti, għandhom ikunu stabbiliti fid-dawl tal-aktar provi xjentifiċi reċenti u stabbiliti fl-atti delegati msemmija fl-Artikolu 42 ta' dan ir-Regolament.

Emenda 282

Proposta għal regolament

Anness III – parti 1 – punt 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) Deskrizzjoni tal-komponenti kollha ta' aktar minn 5% skont il-piż tal-prodott f'ordni dixxendenti ta' kobor skont il-piż niexef, inkluża indikazzjoni tal-kategoriji tal-materjal komponent ("CMC") rilevanti kif inhu msemmi fl-Anness II.

(e) Deskrizzjoni tal-komponenti kollha ta' aktar minn 1 % skont il-piż tal-prodott f'ordni dixxendenti ta' kobor skont il-piż niexef, inkluża indikazzjoni tal-kategoriji tal-materjal komponent ("CMC") rilevanti kif inhu msemmi fl-Anness II **u inkluż il-kontenut bħala perċentwal tal-materja**

niexfa;

Emenda 283

Proposta għal regolament

Anness III – parti 1 – punt 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) Fil-każ ta' kwalunkwe prodott li jkun fih materjal li joriġina minn skart organiku jew prodotti sekondarji, li ma jkunx għadda minn proċess li jkun qered il-materjali organiċi kollha, it-tikketta għandha tispeċifika liema skart u prodotti sekondarji ntużaw u n-numru tal-lott jew in-numru tas-serje taż-żmien tal-produzzjoni. Dak in-numru għandu jirreferi għad-data tat-traċċabbiltà miżmuma mill-produttur li tidentifika s-sorsi individwali (irziezet, fabbriki, eċċ.) ta' kull prodott tal-iskart organiku/sekondarju użat fil-lott/fis-serje taż-żmien. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, wara konsultazzjoni pubblika u wara ... [sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], l-ispeċifikazzjonijiet għall-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li se tidħol fis-seħħ [3 snin wara l-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet]. Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv għall-operaturi u għall-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, l-ispeċifikazzjonijiet tal-Kummissjoni għandhom iqisu kemm ir-rekwiżiti tal-paragrafi 5 sa 7 tal-Artikolu 6 u l-Artikolu 11 u s-sistemi eżistenti tat-traċċabbiltà (pereżempju għal prodotti sekondarji mill-annimali jew sistemi industrijali) kif ukoll il-kodiċijiet ta' klassifikazzjoni tal-iskart tal-Unjoni.

Emenda 284

Proposta għal regolament

Anness III – parti 1 – punt 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-manifatturi għandhom jagħmlu disponibbli istruzzjonijiet qosra għall-użu previst, inklużi d-doża u l-mument tal-applikazzjoni previsti u l-pjanti destinatarji u l-ħżin previsti.

Emenda 285

Proposta għal regolament

Anness III – parti 1 – punt 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. L-ebda prodott ma jista' jagħmel dikjarazzjonijiet relatati ma' PFC oħra mingħajr ma jissodisfa r-rekwiżiti sħaħ ta' dik il-PFC addizzjonali, u lanqas ma huma permessi dikjarazzjonijiet diretti jew impliċiti ta' effetti ta' protezzjoni tal-pjanti.

Emenda 286

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) Il-kontenut tal-inibitur tan-nitrifikazzjoni għandu jkun espress bħala perċentwal skont il-massa tan-nitroġenu (N) totali preżenti bħala nitroġenu tal-ammonju (NH_4^+) u nitroġenu tal-urea ($\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$).

(b) Il-kontenut tal-inibitur tan-nitrifikazzjoni għandu jkun espress bħala perċentwal skont il-massa tan-nitroġenu (N) totali preżenti bħala nitroġenu tal-ammonju (NH_4^+) **jew nitroġenu tal-ammonju (NH_4^+)** u nitroġenu tal-urea ($\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$).

Emenda 287

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(A) – punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) in-nutrijenti dikjarati nitroġenu (N), fosforu (P) jew potassju (K), bis-simboli kimiċi tagħhom fl-ordni N-P-K;

(a) in-nutrijenti dikjarati nitroġenu (N), fosforu (P) jew potassju (K), bis-simboli kimiċi tagħhom fl-ordni N-P-K; **il-kontenut tan-nitroġenu dikjarat huwa**

mogħti bis-somma ta' N ammonjakali, N nitriku, N ureiku, N mill-urea-formaldeid, N mill-isobutildendiurea, N mill-krotonilidendiurea u N miċ-ċjanamid.

Il-fertilizzanti fosforiċi jridu jissodisfaw il-livelli minimi ta' solubbiltà li ġejjin biex ikunu disponibbli għall-pjanti, inkella dawn ma jistgħux jiġu ddikjarati bħala fertilizzanti fosforiċi:

- solubbiltà fl-ilma: livell minimu ta' 25 % tal-P totali,*
- solubbiltà fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali: livell minimu ta' 30 % tal-P totali,*
- solubbiltà fl-aċidu formiku (għall-fosfat naturali artab biss): livell minimu ta' 35 % tal-P totali.*

Emenda 288

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(A) – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) in-nutrijenti dikjarati **manjeżju (Mg)**, **kalċju (Ca)**, **kubrit (S)** jew **sodju (Na)**, bis-simboli kimiċi tagħhom fl-ordni **Mg-Ca-S-Na**;

Emenda

(b) in-nutrijenti dikjarati **kalċju (Ca)**, **manjeżju (Mg)**, **sodju (Na)** jew **kubrit (S)** bis-simboli kimiċi tagħhom fl-ordni **Ca-Mg-Na-S**;

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Emenda 289

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(A) – punt 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) in-numri li jindikaw il-kontenut **totali** tan-nutrijenti **ddikjarati** nitroġenu (N),

Emenda

(c) in-numri li jindikaw il-kontenut **medju** tan-nutrijenti **dikjarati** nitroġenu

fosforu (P) jew potassju (K), segwiti minn numri ***fil-parentisi*** li jindikaw il-kontenut totali ta' manjeżju (Mg), kalċju (Ca), kubrit (S) jew sodju (Na),

(N), fosforu (P) jew potassju (K), segwiti minn numri ***fil-parentesi*** li jindikaw il-kontenut totali ta' manjeżju (Mg), kalċju (Ca), kubrit (S) jew sodju (Na),

Emenda 290

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(A) – punt 1 – punt d – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

– Karbonju ***organiku*** (C); u

Emenda

– Karbonju (C) ***organiku*** u ***proporzjon C/N***;

Emenda 291

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(A) – punt 1 – punt d – inċiż 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda
– ***F'forma bħal trab jew gerbub.***

Emenda 292

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(B) – punt 1 – punt d – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

– Pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) ***totali***;

Emenda

Pentossidu tal-fosforu (P₂O₅)
solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma;

Emenda 293

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(B) – punt 1 – punt d – inċiż 2 – subinċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

– ***fejn ikun preżenti fosfat artab mitħun***, pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) solubbli ***fl-aċidu formiku***;

Emenda

– Pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) solubbli ***biss fl-aċidiiminerali***;

Emenda 294

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(B) – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-kontenut tan-nitroġenu totali dikjarat huwa mogħti bis-somma ta' N ammonjakali, N nitriku, N ureiku, N mill-metilen-urea, N mill-isobutildendiurea, N mill-krotonilidendiurea u N miċ-ċjanamid.

Emenda 295

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)(I) – punt 1 – punt d – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– Pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) **totali**;

– Pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) **solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma**;

Emenda 296

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)(I) – punt 1 – punt d – inċiż 2 – subinċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **fejn ikun preżenti fosfat artab mitħun, pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) solubbli fl-aċidu formiku**;

– **Pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) solubbli biss fl-aċidi minerali**;

Emenda 297

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)(I) – punt 1 – punt d – inċiż 4 – subinċiż 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **f'forma bħal trab jew gerbub**;

Emenda 298

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)(I) – punt 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) pH

Emenda 299

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)(I) – punt 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. Il-prodotti fertilizzanti li fihom inqas minn 5 ppm ta' kadmju, arseniku, ċomb, kromju VI u merkurju, rispettivament, għandhom ikunu eleġibbli li jużaw "Tikketta Ħadra" viżibbli fl-imballaġġ u t-tikketta tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43, li jissupplimentaw dan ir-Regolament sabiex tistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' tali tikketti.

Emenda 300

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)(I)(a) –punt 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) trab, fejn tal-anqas **90%** tal-prodott ikun jista' jgħaddi minn għarbiel b'toqob ta' **10 mm**, jew

(c) trab, fejn tal-anqas **90 %** tal-prodott ikun jista' jgħaddi minn għarbiel b'toqob ta' **1 mm**, jew

Emenda 301

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)(I)(a) – punt 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Għall-prodotti fertilizzanti bit-tikketta CE msemija fil-punt (bb) tal-punt 1 ta' CMC 10 tal-Anness II, meta l-polimeri jintużaw unikament bħala materjal leganti, għandha tkun preżenti d-dikjarazzjoni li ġejja: "Dan il-prodott fertilizzanti mhuwiex maħsub biex jiġi f'kuntatt mal-ħamrija."

Emenda 302

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)(II) – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-mikronutrijenti dikjarati fil-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandhom ikunu elenkati skont l-ismijiet u s-simboli kimiċi tagħhom fl-ordni li **ġejja**: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), **managniż** (Mn), molibdenu (Mo) u żingu (Zn), segwiti mill-isem/ismijiet tal-kontrojon(i) tagħhom;

Emenda

1. Il-mikronutrijenti dikjarati fil-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE għandhom ikunu elenkati skont l-ismijiet u s-simboli kimiċi tagħhom fl-ordni li **ġej**: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), **manganiż** (Mn), molibdenu (Mo), **selenju (Se), silċju (Si)** u żingu (Zn), segwiti mill-isem/ismijiet tal-kontrojon(i) tagħhom;

Emenda 303

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 1(C)a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

PFC 1(C)a: Fertilizzant b'livell baxx ta' karbonju

1. Għandhom ikunu preżenti l-elementi ta' informazzjoni li ġejjin relatati mal-makronutrijenti:

(a) in-nutrijenti dikjarati nitroġenu (N), fosforu (P) jew potassju (K), bis-simboli kimiċi tagħhom fl-ordni N-P-K;

(b) in-nutrijenti dikjarati manjeżju (Mg), kalċju (Ca), kubrit (S) jew sodju (Na), bis-simboli kimiċi tagħhom fl-ordni Mg-Ca-S-Na;

(c) *in-numri li jindikaw il-kontenut totali tan-nutrijenti dikjarati nitroġenu (N), fosforu (P) jew potassju (K), segwiti minn numri fil-parentesi li jindikaw il-kontenut totali ta' manjeżju (Mg), kalċju (Ca), kubrit (S) jew sodju (Na);*

(d) *il-kontenut tan-nutrijenti dikjarati li ġejjin, fl-ordni li ġej u bħala perċentwal tal-fertilizzant skont il-massa:*

▪ *Nitroġenu (N) totali*

l-ammont minimu ta' nitroġenu (N) organiku, segwit minn deskrizzjoni tal-orijini tal-materja organika użata;

Nitroġenu (N) fil-forma ta' nitroġenu nitriku;

Nitroġenu (N) fil-forma ta' nitroġenu ammonjakali;

Nitroġenu (N) fil-forma ta' nitroġenu tal-urea;

▪ *Pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) totali;*

Pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) solubbli fl-ilma;

pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali;

fejn ikun preżenti fosfat naturali artab, pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) solubbli fl-aċidu formiku;

▪ *Ossidu tal-potassju (K_2O) totali;*

ossidu tal-potassju (K_2O) solubbli fl-ilma;

▪ *ossidu tal-manjeżju (MgO), ossidu tal-kalċju (CaO), triossidu tal-kubrit (SO_3) u ossidu tas-sodju (Na_2O), espressi*

– *fejn daww in-nutrijenti huma solubbli kompletament fl-ilma, biss bħala l-kontenut solubbli fl-ilma;*

– *fejn il-kontenut solubbli ta' dawk in-nutrijenti huwa tal-inqas kwart tal-kontenut totali ta' dawk in-nutrijenti, il-kontenut totali u l-kontenut solubbli fl-ilma;*

– *f'każijiet oħra, bħala l-kontenut totali.*

(e) fejn tkun preżenti l-urea ($\text{CH}_4\text{N}_2\text{O}$), informazzjoni dwar l-impatti possibbli fuq il-kwalità tal-arja mir-rilaxx tal-ammonju mill-użu tal-fertilizzant, u stedina lill-utenti biex japplikaw il-miżuri ta' rimedju xierqa.

2. L-elementi l-oħrajn li ġejjin għandhom jiġu indikati bħala perċentwal skont il-massa tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE:

– **Kontenut tal-karbonju (C) organiku; u**

– **Kontenut ta' materja niexfa.**

3. Fejn wieħed jew iktar mill-mikronutrijenti boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo) u żingu (Zn), huma preżenti fil-kontenut minimu indikat bħala perċentwal skont il-massa fit-tabella hawn taħt, għandhom

– *jiġu ddikjarati jekk jiżdiedu intenzjonalment mal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE, u*

– *jistgħu jiġu ddikjarati f'każijiet oħra:*

<i>Mikronutrijent</i>	<i>Perċentwal skont il-massa</i>
<i>Boron (B)</i>	<i>0,01</i>
<i>Kobalt (Co)</i>	<i>0,002</i>
<i>Ram (Cu)</i>	<i>0,002</i>
<i>Manganiż (Mn)</i>	<i>0,01</i>

Molibdenu (Mo) 0,001

Żingu 0,002

Dawn għandhom jiġu ddikjarati wara l-informazzjoni dwar il-makronutrijenti. Għandhom ikunu preżenti l-elementi ta' informazzjoni li ġejjin:

(a) indikazzjoni tal-ismijiet u tas-simboli kimiċi tal-mikronutrijenti dikjarati, elenkati fl-ordni li ġej: boron (B), kobalt (Co), ram (Cu), ħadid (Fe), manganiż (Mn), molibdenu (Mo) u żingu (Zn), segwiti mill-isem/ismijiet tal-kontrojon(i) tagħhom;

(b) il-kontenut totali tal-mikronutrijenti espress bħala perċentwal tal-fertilizzant skont il-massa

fejn dawk in-nutrijenti huma solubbli kompletament fl-ilma, biss bħala l-kontenut solubbli fl-ilma;

fejn il-kontenut solubbli ta' dawk in-nutrijenti huwa tal-inqas kwart tal-kontenut totali ta' dawk in-nutrijenti, il-kontenut totali u l-kontenut solubbli fl-ilma; u

f'każijiet oħra, bħala l-kontenut totali;

(c) fejn il-mikronutrijent(i) dikjarat(i) ikun(u) kelat(i) b'aġent(i) kelanti, il-kwalifikatur li ġej wara l-isem u l-identifikatur kimiku tal-mikronutrijent:

'kelat minn...' isem tal-aġent kelanti jew it-taqsira tiegħu, u l-ammont ta' mikronutrijent kelat bħala perċentwal tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE skont il-massa;

(d) fejn il-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE jkun fih mikronutrijent(i) kumplessat(i) minn aġent(i) kumplessanti:

il-kwalifikatur li ġej wara l-isem u l-identifikatur kimiku tal-mikronutrijent:

'kumplessat minn ...', u l-ammont ta' mikronutrijent kumplessat bħala perċentwal tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE skont il-massa; u

l-isem tal-aġent kumplessanti jew it-taqsira tiegħu;

(e) id-dikjarazzjoni li ġejja: 'Jintuża biss fejn hemm ħtieġa rikonoxxuta. Taqbiżx id-doża xierqa'.

Emenda 399

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 2 – inċiż 2

Test propost mill-Kummissjoni

- **Granulometrija**, espressa bħala **perċentwal** tal-prodott li jgħaddi minn **għarbiel magħżul minn qabel**;

Emenda

- **Granulometrija**, espressa bħala **l-perċentwal** tal-prodott li jgħaddi minn **għeriebel ta' 1,0 mm u 3,15 mm**;

Emenda 304

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 –PFC 3 – punt 1 – inċiż 3

Test propost mill-Kummissjoni

- **Kontenut totali ta' nitroġenu (N)**;

Emenda

imħassar

Emenda 305

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 –PFC 3 – punt 1 – inċiż 4

Test propost mill-Kummissjoni

- **Kontenut totali ta' pentossidu tal-fosforu (P₂O₅)**;

Emenda

imħassar

Emenda 306

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 –PFC 3 – punt 1 – inċiż 5

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– **Kontenut totali ta' ossidu tal-potassju (K_2O);**

imħassar

Emenda 307

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 6 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) id-doża, iż-żmien (stadju tal-iżvilupp tal-pjanti) u l-frekwenza tal-applikazzjoni;

(e) id-doża, iż-żmien (stadju tal-iżvilupp tal-pjanti), ***il-lokalizzazzjoni*** u l-frekwenza tal-applikazzjoni, ***(f'konformità mal-provi empiriċi li jiġġustifikaw id-dikjarazzjoni(jiet) rigward il-bijostimulanti)***;

Emenda 308

Proposta għal regolament

Anness III – parti 2 – PFC 6 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) l-indikazzjoni li l-prodott mhuwiex prodott għall-protezzjoni tal-pjanti;

Emenda 309

Proposta għal regolament

Anness III – parti 3 – PFC 1(A)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

	Tolleranza permissibbli għall-kontenut tan-nutrijenti <i>ddikjarat</i> u parametru ddikjarat ieħor		Tolleranza permissibbli għall-kontenut tan-nutrijenti <i>dikjarat</i> u parametru ddikjarat ieħor
Karbonju	± 20 %	Karbonju (C)	± 15 %

<i>organiku</i> (C)	devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti	<i>organiku</i>	devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti
Kontenut ta' materja niexfa	± 5,0 punti perċentwali f'termini assoluti	Kontenut ta' materja niexfa	± 5,0 punti perċentwali f'termini assoluti
Nitroġenu (N) totali	± 50 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti	Nitroġenu (N) totali	± 15 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Nitroġenu (N) organiku	± 50 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti	Nitroġenu (N) organiku	± 15 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Pentossidu tal- fosforu (P ₂ O ₅) totali	± 50 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti	Pentossidu tal- fosforu (P ₂ O ₅) totali	± 15 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Ossidu tal- potassju (K ₂ O) totali	± 50 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti	Ossidu tal- potassju (K ₂ O) totali	± 15 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Ossidu tal- manjeżżju, ossidu tal-kalċju,	± 25 % tal- kontenut dikjarat ta' dawk in-	Ossidu tal- manjeżżju, ossidu tal-kalċju,	± 25 % tal- kontenut dikjarat ta' dawk in-

triossidu tal-kubrit jew ossidu tas-sodju totali u solubbli fl-ilma	nutrijenti sa massimu ta' 1,5 punti perċentwali f'termini assoluti.	triossidu tal-kubrit jew ossidu tas-sodju totali u solubbli fl-ilma	nutrijenti sa massimu ta' 1,5 punt perċentwali f'termini assoluti.
Ram (Cu) totali	± 50 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,5 punti perċentwali f'termini assoluti	Ram (Cu) totali	± 50 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,5 punti perċentwali f'termini assoluti
Żingu (Zn) totali	± 50 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti	Żingu (Zn) totali	± 50 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti
Kwantità	- 5 % devjazzjoni relattiva tal-valur iddikjarat	Kwantità	- 5 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat
		Forom dikjarati ta' nitroġenu, fosforu u potassju	Binarji: tolleranza massima, f'termini assoluti, ta' 1,1 N u 0,5 N organiku, 1,1 P₂O₅, 2 K₂O u 1,5 għas-somma taż-żewġ nutrijenti.
			Ternarji: tolleranza massima, f'termini assoluti, ta' 1,1 N u 0,5 N organiku, 1,1 P₂O₅, 1,1 K₂O u 1,9 għas-somma taż-żewġ nutrijenti.

		<i>± 10 % tal-kontenut dikjarat totali ta' kull nutrijent sa massimu ta' 2 punti perċentwali f'termini assoluti.</i>
--	--	--

Emenda 310

Proposta għal regolament

Anness III – parti 3 – PFC 1(B) – tabella 1

Test propost mill-Kummissjoni

Tolleranza permissibbli għall-kontenut dikjarat tal-forom tal-mikronutrijent inorganiku

N	P ₂ O ₅	K ₂ O	MgO	CaO	SO ₃	Na ₂ O
± 25 % tal-kontenut dikjarat tal-forom tan-nutrijenti preżenti sa massimu ta' 2 punti perċentwali f'termini assoluti			± 25 % tal-kontenut dikjarat ta' dawk in-nutrijenti sa massimu ta' 1,5 punti perċentwali f'termini assoluti.			± 25 % tal-kontenut dikjarat sa massimu ta' 0,9 punti perċentwali f'termini assoluti

Emenda

Tolleranza permissibbli għall-kontenut dikjarat tal-forom tal-mikronutrijent inorganiku

N	P ₂ O ₅	K ₂ O	MgO	CaO	SO ₃	Na ₂ O
± 25 % tal-kontenut dikjarat tal-forom tan-nutrijenti preżenti sa massimu ta' 2 punti perċentwali f'termini assoluti <i>għal kull nutrijent għalih waħdu u għas-somma tan-nutrijenti</i>			- 50 % u + 100 % tal-kontenut dikjarat ta' dawk in-nutrijenti sa massimu ta' -2 u +4 punti perċentwali f'termini assoluti			± 25 % tal-kontenut dikjarat sa massimu ta' 0,9 punti perċentwali f'termini assoluti
<i>It-tolleranzi P₂O₅ jirreferu għall-pentossidu tal-fosforu (P₂O₅) solubbli fiċ-ċitrat tal-ammonju newtrali u fl-ilma.</i>						

Emenda 311

Proposta għal regolament

Anness III – parti 3 – PFC 1(B)

Test propost mill-Kummissjoni

Karbonju organiku: $\pm 20\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti

Nitroġenu organiku: $\pm 50\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti

Ram (Cu) totali $\pm 50\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,5 punti perċentwali f'termini assoluti

Żingu (Zn) totali $\pm 50\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti

Emenda

Karbonju organiku: $\pm 15\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti

Nitroġenu organiku: $\pm 15\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti

Ram (Cu) totali: $\pm 15\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,5 punti perċentwali f'termini assoluti

Żingu (Zn) totali: $\pm 15\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti

Emenda 312

Proposta għal regolament

Anness III – parti 3– PFC 1(C)(I)

Test propost mill-Kummissjoni

Tolleranza permissibbli għall-kontenut dikjarat tal-forom tal-mikronutrijent

N	P ₂ O ₅	K ₂ O	MgO	CaO	SO ₃	Na ₂ O
$\pm 25\%$ tal-kontenut dikjarat tal-forom tan-nutrijenti preżenti sa massimu ta' 2 punti perċentwali f'termini assoluti			$\pm 25\%$ tal-kontenut dikjarat ta' dawk in-nutrijenti sa massimu ta' 1,5 punt perċentwali f'termini assoluti.			$\pm 25\%$ tal-kontenut dikjarat sa massimu ta' 0,9 punti perċentwali f'termini assoluti

Granulometrija: $\pm 10\%$ devjazzjoni relattiva applikabbli għall-perċentwal iddikjarat tal-materjal li jgħaddi minn għarbiel speċifiku

Kwantità: $\pm 5\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat

Emenda

Tolleranza permissibbli għall-kontenut dikjarat tal-forom tal-mikronutrijent

N	P ₂ O ₅	K ₂ O	MgO	CaO	SO ₃	Na ₂ O
$\pm 25\%$ tal-kontenut dikjarat			- 50 % u + 100 % tal-			- 50 % u + 100 %

tal-forom tan-nutrijenti preżenti sa massimu ta' 2 punti perċentwali f'termini assoluti <i>għal kull nutrijent għalih waħdu u għas-somma tan-nutrijenti</i>	kontenut dikjarat ta' dawk in-nutrijenti sa massimu ta' -2 u +4 punti perċentwali f'termini assoluti	tal-kontenut dikjarat ta' dawk in-nutrijenti sa massimu ta' -2 u +4 punti perċentwali f'termini assoluti
--	---	---

Il-valuri ta' tolleranza ta' hawn fuq japplikaw ukoll għall-forom N u għas-solubbiltajiet.

Granulometrija: $\pm 20\%$ devjazzjoni relattiva applikabbli għall-perċentwal iddikjarat tal-materjal li jgħaddi minn għarbiel speċifiku

Kwantità: $\pm 3\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat

Emenda 313

Proposta għal regolament

Anness III – parti 3 – PFC 3

Test propost mill-Kummissjoni

Forum tan-nutrijent dikjarat u kriterji dikjarati tal-kwalità oħrajn	Tolleranzi permissibbli għall-parametru dikjarat
pH	$\pm 0,7$ fil-ħin tal-manifattura $\pm 1,0$ fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Karbonju <i>organiku</i> (C)	$\pm 10\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Nitroġenu (N) totali	$\pm 20\%$ devjazzjoni relattiva sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Pentossidu tal-fosforu (P ₂ O ₅) totali	$\pm 20\%$ devjazzjoni relattiva sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Ossidu tal-potassju (K ₂ O) totali;	$\pm 20\%$ devjazzjoni relattiva sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Materja niexfa	$\pm 10\%$ devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat
Kwantità	- 5 % devjazzjoni relattiva tal-valur iddikjarat fil-ħin tal-manifattura

	- 25 % devjazzjoni relattiva tal-valur iddikjarat fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Karbonju (C) org / Nitroġenu (N) org	± 20 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Granulometrija	± 10 % devjazzjoni relattiva applikabbli għall-perċentwal dikjarat ta' materjal li jgħaddi minn għarbiel speċifiku.
<i>Emenda</i>	
Forom tan-nutrijent dikjarat u kriterji dikjarati tal-kwalità oħrajn	Tolleranzi permissibbli għall-parametru dikjarat
pH	± 0,7 fil-ħin tal-manifattura ± 0,9 fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Karbonju (C) organiku	± 10 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Nitroġenu (N) totali	± 20 % devjazzjoni relattiva sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Pentossidu tal-fosforu (P ₂ O ₅) totali	± 20 % devjazzjoni relattiva sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Ossidu tal-potassju (K ₂ O) totali;	± 20 % devjazzjoni relattiva sa massimu ta' 1,0 punt perċentwali f'termini assoluti
Materja niexfa	± 10 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat
Kwantità	- 5 % devjazzjoni relattiva tal-valur iddikjarat fil-ħin tal-manifattura - 15 % devjazzjoni relattiva tal-valur iddikjarat fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Karbonju (C) org / Nitroġenu (N) org	± 20 % devjazzjoni relattiva tal-valur dikjarat sa massimu ta' 2,0 punti perċentwali f'termini assoluti
Granulometrija	± 10 % devjazzjoni relattiva applikabbli għall-perċentwal dikjarat ta' materjal li

jgħaddi minn għarbiel speċifiku.

Emenda 314

Proposta għal regolament

Anness III – parti 3 – PFC 4

Test propost mill-Kummissjoni

Forom <i>għan-nutrijent</i> dikjarat u kriterji dikjarati tal-kwalità oħrajn	Tolleranzi permissibbli għall-parametru dikjarat
Konduttività elettrika	± 50% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura ± 75% devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
pH	± 0,7 fil-ħin tal-manifattura ± 1,0 fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Kwantità skont il-volum (litri jew m ³)	- 5% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura - 25% devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Determinazzjoni tal-kwantità (volum) tal-materjali b'daqs tal-partiċella akbar minn 60 mm	- 5% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura - 25% devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Determinazzjoni tal-kwantità (volum) ta' GM ifformati minn qabel	- 5% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura - 25% devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Nitroġenu (N) solubbli fl-ilma	± 50% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura ± 75% devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Pentossidu tal-fosforu (P ₂ O ₅) solubbli fl-	± 50% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-

ilma	manifattura ± 75% devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Ossidu tal-potassju (K ₂ O) solubbli fl-ilma	± 50% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura ± 75% devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
<i>Emenda</i>	
Forom <i>tan-nutrijent</i> dikjarat u kriterji dikjarati tal-kwalità oħrajn	Tolleranzi permissibbli għall-parametru dikjarat
Konduttività elettrika	± 50% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura ± 60 % devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
pH	± 0,7 fil-ħin tal-manifattura ± 0,9 fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Kwantità skont il-volum (litri jew m ³)	- 5 % devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura ± 15 % devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Determinazzjoni tal-kwantità (volum) tal-materjali b'daqs tal-partiċella akbar minn 60 mm	- 5% devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura ± 15 % devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Determinazzjoni tal-kwantità (volum) ta' GM ifformati minn qabel	- 5 % devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura ± 15 % devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Nitroġenu (N) solubbli fl-ilma	± 50 % devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura ± 60 % devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni

Pentossidu tal-fosforu (P_2O_5) solubbli fl-ilma	$\pm 50\%$ devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura $\pm 60\%$ devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni
Ossidu tal-potassju (K_2O) solubbli fl-ilma	$\pm 50\%$ devjazzjoni relattiva fil-ħin tal-manifattura $\pm 60\%$ devjazzjoni relattiva fi kwalunkwe ħin fil-katina tad-distribuzzjoni

Emenda 315

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 1 – punt 1 – punt 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) diġestati tal-għelejjel tal-enerġija kif inhu speċifikat f'CMC 4,

Emenda

(b) diġestati tal-għelejjel tal-enerġija **u bijoskart abbażi tal-pjanti** kif inhu speċifikat f'CMC 4,

Emenda 316

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 1 – punt 1 – punt 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) pjanti, partijiet tal-pjanti jew estratti tal-pjanti mhux ipproċessati jew ipproċessati mekkanikament kif inhu speċifikat f'CMC 2.

Emenda 317

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 1 – punt 1 – punt 3 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) inibitur tad-denitrifikazzjoni kif speċifikat f'PFC 5(A)(Ia),

Emenda 318

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 1 – punt 3 – punt 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) inibitur tad-denitrifikazzjoni kif speċifikat f'PFC (A)(Ia),

Emenda 319

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 2 – modulu A – punt 2.2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) disinn kunċettwali u tpinġijiet u skemi tal-manifattura,

imħassar

Emenda 320

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 2 – modulu A – punt 2.2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet neċessarji għall-fehim ta' dawk it-tpinġijiet u l-iskemi u l-użu tal-prodott fertilizzanti bit-tikketta CE,

imħassar

Emenda 321

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 2 – modulu A1 – punt 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Iċ-ċikli u t-testijiet msemmija taħt l-Intestaturi 4.1-4.3 hawn taħt għandhom jitwettqu fuq kampjun rappreżentattiv tal-prodott tal-inqas kull 3 xhur f'isem il-manifattur, sabiex tiġi vverifikata l-konformità ma'

Iċ-ċikli u t-testijiet msemmija taħt l-Intestaturi 4.1-4.3 hawn taħt għandhom jitwettqu fuq kampjun rappreżentattiv tal-prodott tal-inqas kull 6 xhur **fil-każ ta' operazzjoni kontinwa tal-impjant jew kull sena għal produzzjoni perijodika** f'isem il-manifattur, sabiex tiġi vverifikata l-konformità ma'

Emenda 322

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 2 – modulu A1 – punt 4.3.5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4.3.5a. Il-manifattur għandu jżomm ir-rapporti tat-test flimkien mad-dokumentazzjoni teknika.

Emenda 323

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 2 – modulu B – punt 3.2 – punt c – inċiż 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

– rapporti tat-testijiet, u

– rapporti tat-testijiet, **inklużi studji dwar l-effiċjenza agronomika**, u

Emenda 324

Proposta għal regolament

Anness IV – parti 2 – modulu D1 – punt 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) **disinn kunċettwali u tpinġijiet u skemi tal-manifattura, inklużi deskrizzjoni bil-miktub u dijagramma tal-proċess ta' produzzjoni, fejn kull trattament, kontenitur ta' ħażna u żona jiġu identifikati b'mod ċar,**

(b) **deskrizzjoni** bil-miktub u dijagramma tal-proċess ta' produzzjoni,